FRAR 2005 • IL-25 SENA • GĦADD 247 • NEWSPAPER POST • IISN 1811-5373

# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN





Ritratt tal-Qoxra:
**"Ġesù jqarben lill-Appostli"**
**Mużew Djoċesan**
Cortona, Italja


**BORD EDITORJALI**
Leonard Falzon OFMCap (Direttur u Editur)
Andrè Azzopardi OFMCap (Viċi-Editur)
Krispin Tabone OFMCap
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Alex Falzon GiFra



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone - Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - Tel: 2144 0083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



© Dawl Franġiskan 2005
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur

**Ċentru Missjoni Kapuċċini**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana - VLT 14**

# WERREJ

















3 **Grazzja B'Disgrazzja**
minn P. Leonard Falzon OFMCap

4 **Peronaġġi Bibbliċi**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Inawgurat l-Istitut Kattoliku f'Malindi - Kenya**
minn Henry Salomone

11 **Ittri lill-Editur**

12 **Edukazzjoni għall-emozzjonijiet**
minn Colin Calleja

14 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

15 **Aħbarijiet Provinċja**

16 **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (22)**
minn Br. Andrè Azzopardi OFMCap

18 **Kantanti b'Messaġġ**
minn Laurence Attard

19 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

20 **O.F.S.**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

21 **Ix-Xabla u t-Tarka**
minn Dr. Tonio Piscopo

22 **Muhammad**
minn P. Joe Buttigieg OFMCap

24 **Ġifra**
minn Miriam Farrugia

25 **Lejn Alla bl-Isport (10)**
minn Joe Attard

26 **L-Isqof Emanuel Galea**
minn Mons. Alwiġ Deguara

28 **Intervista - P. Crispin Tabone**

30 **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Vokazzjonijiet**

32 **Boroż ta' Studju**

# GRAZZJA B'DISGRAZZJA

Matul ix-xahar ta' Frar, waqt li niċċelebraw in-nawfraġju ta' San Pawl flimkien ma' l-Evanġelista Luqa u mitejn u sebgħin oħra u anki ġifen, il-poplu Malti jimtela' bi gratitudni għall-ġid li wasallu permezz ta' l-Appostlu tal-ġnus. Tiċċelebra tfisser tifraħ, turi kuntentizza. Dan isir mhux għad-disgrazzja tal-ġifen ta' Pawlu fil-baħar, lil hinn ħafna minn hekk, iżda għall-frott ta' grazzja b'riħet disgrazzja.



Il-wasla ta' San Pawl f'Malta meqjusa grazzja anki jekk ma kinetx fid-djarju tiegħu. B'riħet din il-grazzja missirijietna semgħu Aħbar u laqgħuha. L-Evanġelizzazzjoni (l-Aħbar it-Tajba) waslet fi gżiritna, f'din l-Art li tatna isimha, u l-Maltin ta' żmien San Pawl saru Nsara. U dan hu l-qofol fil-ħajja nisranija - li tilqa' l-Evanġelju. Mhux biżżejjed tisimgħu. Nies fi żmien Ġesù nnifsu ħakkew miegħu, semgħuh, ikkonfrontawh, oħrajn ammirawh iżda ma imitawhx. Għażlu li ma jkunux dixxipli tiegħu minkejja li raw il-mirakli.

Tilqa' l-Evanġelizzazzjoni tfisser li tħares il-messaġġ ta' Ġesù billi twettqu, issarrfu f'ħajja. Tgħixu. Huwa dan li jagħmel nisrani. L-istess oriġni tal-kelma NISRANI, li ġejja mill-kelma NASRA li tfisser "Tiltaqa' ma' aħbar u temminha", twassal lill-persuna fi triq tad-dixxipulat. F'dan ix-xahar stess il-Knisja se tagħti bidu għal żmien ir-Randan. Imien ta' thejjija serja għal Għid b'tifsira. Għid mhux tant ta' Ġesù Kristu, daqskemm bidla ta' rotta, atteġġjament fil-ħajja spiritwali, familjari u soċjali ta' l-individwu li jixtieq jibni ħajtu fuq għażla li mhux biss iġġib l-isem, iżda li tkun tassew Nisranija.

Matul is-sena li qegħdin fiha, sena ddedikata lill-Ewkaristija, mhux b'kumbinazzjoni li l-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl ħabtet mal-bidu tar-Randan li matulu l-Knisja tagħmel l-akbar investiment f'Evanġelizzazzjoni permezz ta' l-eżerċizzi. Il-wasla ta' San Pawl Nawfragu tat bidu għal attività missjunarja fi gżirijietna, Malta u Għawdex, permezz tax-xandir u s-smiegħ ta' l-Evanġelju (Atti 28:2). Il-motto li minnu l-Knisja tat bidu għas-sena ddedikata lill-Ewkaristija huwa wkoll il-punt fejn l-istess Knisja tixtieq twassal lill-imsejħin fiha: **"L-Ewkaristija hija l-għajn u l-qofol tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja"**.

Ta' kull sena Ġesù kien jiċċelebra l-Għid Lhudi, iżda it-twaqqif ta' l-Ewkaristija li seħħ f'ambjent ta' dan l-Għid, sar wara snin ta' xandir ta' l-Aħbar it-Tajba bil-kelma u l-mirakli. Dawn kienu jsiru bi preparazzjoni serja għall-punt li kull nisrani jeħtieġlu u hu mistieden għalih. Mument qawwi li seħħ f'rabta mat-twaqqif ta' l-Ewkaristija u l-Qawmien ta' Ġesù ġara mad-dixxipli ta' Emmaws matul it-triq. Akkumpanjati minn Ġesù rxoxt huma ħasbuh "barrani" sakemm waslu għall-Qsim tal-Ħobż (Lq 24:32). Il Kelma t'Alla tħeġġeġ il-qalb, timliena bil-kuraġġ u tnissel fina ġenerożità li b'ħafna ferħ insiru qadi għal ħutna fil-bżonn.

***Infaħħruk, Mulej, għax permezz ta' l-Appostli għaddejt lilna l-mejda tal-Kelma u tal-Ġisem u d-Demm tiegħek, li bihom tgħajjixna u ssaħħaħna.*** •

# ŻAKKARIJA
## "DAK LI MA EMMINX"

**Bil-persuna ta' Żakkarija nkunu nagħlqu l-bieb għat-Testment il-Qadim u nbexxquh għal żmien it-Testment il-Ġdid. Nafu fiż-żgur tliet dettalji l-iktar importanti daqskemm jgħolluh lil dan il-personaġġ. L-ewwel li huwa kien qassis, t-tieni li kien miżżewweġ ma' Eliżabetta, u t-tielet li kien missier Ġwanni l-Battista. Il-kelma Żakkarija tfisser il-Mulej ftakar, u ismu qiegħed imniżżel għal disa' darbiet. Interessanti kif l-istorja ta' dan il-qassis qiegħda biss fl-Evanġelju ta' Luqa. Dan l-istess Evanġelista però iżid dettal dwar din il-koppja li mhux ta' min iħalliha barra: "It-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skond il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej" (Lq 1:6).**

### ŻAKKARIJA U ABIJA

Li missier San Ġwann il-Battista kien qassis ma hemm ebda dubju dwar dan għaliex jgħidu l-Evanġelju. "Kien hemm qassis jismu Żakkarija mit-taqsima ta' Abija" (Lq 1:5). Hawn għalhekk sewwa li nagħtu xi tagħrif dwar il-qassisin tat-Testment il-Qadim, kif ukoll dwar il-ħidma qaddisa tagħhom fit-tempju ta' Ġerusalemm. Fi żmien Żakkarija l-qassisin kienu jinqasmu f'erbgħa u għoxrin taqsima. Kull taqsima kienet obbligata li ddum fis-servizz għal ġimgħatejn sħaħ. Dan għalhekk itella' t-total ta' tmienja u erbgħin ġimgħa. Ma' dawn il-ġimgħat imbagħad wieħed irid iżid l-erba festi prinċipali tal-Lhud, jiġifieri dik ta' l-Għid, ta' Għid il-Ħamsin, ta' l-Għerejjex u ta' l-Espjazzjoni. Għal dawn il-festi l-kbar il-qassisin kollha kienu obbligati li jkunu preżenti għas-servizz fil-maqdes. Hekk matul is-sena kollha fit-tempju dejjem ikun hemm numru ta' qassisin biex il-liturġija ssir bid-dinjità li tixirqilha.

Għalkemm l-għorrief ma jaqblux bejniethom dwar in-numru ta' qassisin li seta' kien hemm fit-tempju, imma jidher li n-numru tagħhom kien wieħed imdaqqas sew. Aktar u aktar meta ma' dawn wieħed għandu jgħodd ukoll il-leviti. Fl-ittra tal-Psewdo-Aristea miktuba fl-aħħar snin tat-tieni seklu qabel Kristu, jgħid li huwa żar it-tempju u sab hemm madwar 700 qassis jagħtu s-servizz. Issa dan in-numru kien biss ta' taqsima waħda, u minn dawn it-taqsimiet kien hemm 24. Altru li n-numru kien wieħed kbir. Però hawn dan in-numru jista' jkun ukoll xi ftit esaġerat. Wieħed minn dawn il-qassisin kien bla dubju Żakkarija.

### IS-SERVIZZ FIT-TEMPJU

Ix-xogħol prinċipali ta' dawn il-qassisin meta jkunu fis-servizz idur kollu madwar il-maqdes. U għalhekk dawn il-qassisin kienu jgħixu jew Ġerusalemm, inkella f'xi raħal qrib il-belt il-qaddisa. Fil-kas tal-qassis tagħna Żakkarija, dan kien jgħix ma' martu Eliżabetta f'Għajn Karim, raħal madwar żewġ mili biss bogħod mill-belt kapitali. F'dan ir-raħal kwiet u pittoresk ta' Għajn Karim, wieħed għadu jista' jara l-għajn naturali li minnha ħiereġ l-ilma s-sena kollha. It-Talmud tal-Palestina jgħid li l-flus ta' l-għexur kienu jinqasmu hekk: Wieħed minn tlieta jmur għat-teżor tat-tempju, ieħor għall-qassisin u l-leviti u terz ieħor għal dawk li jistudjaw il-liġi. Hawn ta' min iżid jgħid li d-dħul ta' dawn il-qassisin kien wieħed modest ħafna jekk mhux ukoll fqir.

Il-Mixna tiddeskrivi l-liturġija li ssir ta' kuljum fil-maqdes, jiġifieri filgħodu u fil-għasar. Din id-debħa li hija waħda obbligatorja tkun ta' ħaruf ta' madwar sena. "Dan hu li għandek toffri għal dejjem fuq l-artal: żewġt iħrief ta' sena kuljum, ħaruf filgħodu u ieħor filgħaxija" (Eż 29:38). Il-qassisin waqt ix-xogħol liturġiku tagħhom u speċjalment waqt l-offerti tal-bhejjem kien ikollhom l-għajnuna tal-leviti. Dan għaliex qabel ma l-annimal jinħaraq lil Alla kien jiġi mħejji kif jixraqlu Alla. U jekk il-bhima tinstab li jkollha xi difett allura dritt tigi mwarrba. Matul dawk il-ġimgħatejn ta' servizz, il-qassisin jorqdu fl-inħawi tat-tempju; postijiet ippreparati apposta għalihom. Filgħodu, kull qassis kien jieħu l-banju ritwali biex hekk jidher kollu nadif quddiem il-Mulej meta jidħol fis-santwarju biex joffri l-inċens lil Alla. Dawn il-banjijiet *mikvaoth* kienu barra t-tempju. Wara li jinħaslu l-qassisin jitilgħu t-turġien u jibdew ikantaw is-salmi gradwali. Hekk immela għamel Żakkarija. Imiss li tittella' x-xorti dejjem minn fost il-membri ta' dik it-taqsima biex jaraw min se joqtol il-ħaruf u joffri l-inċens. Dak il-qassis imbagħad li kien inkarigat biex joffri l-ħaruf kellu jkun żgur li jiġbor demmu ġo bieqja biex imbagħad jitfgħu f'riġlejn l-artal. Hekk jixraqlu Alla, l-aqwa, l-aħjar, l-isbaħ u l-eqdes.

Wara s-sagrifiċċju olokawst, jiġifieri fejn il-bhima tinħaraq kollha bin-nar, imiss iċ-ċerimonja ta' l-inċens. Il-qassis jkun jeħtieġlu li jidħol fil-parti tan-nofs tat-tempju, mela fil-post il-qaddis. Imma qabel trid titla' x-xorti. Għalhekk dak il-jum li x-xorti tidħaqlu lill-qassis ikun fil-hena ta' ħajtu. Din l-istennija biex jaħraq l-inċens quddiem Alla kienet issir waħda ta' ġenn, aktar u aktar meta l-qassis jibda jikber sewwa fl-età u s-snin tax-xjuħija jibdew jagħfsu fuqu u jkun għadu qatt ma daħal hemm. Hekk



kien il-każ preċiż ta' Żakkarija. L-Evanġelista Luqa huwa ċar ħafna dwar dan: "Skond id-drawwa tal-liturġija, intagħażel hu bix-xorti biex jidħol ġewwa fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens" (Lq 1:9).

Sewwa li ngħidu wkoll kelma dwar fejn preċiż daħal il-qassis Żakkarija biex joffri l-inċens lil Alla ħaj u veru. It-tempju ta' Ġerusalemm prinċipalment kien maqsum fi tliet partijiet. Il-bitħa li ġo fiha kien hemm artal kbir u għoli. Fuqu jinħarqu numru kbir ta' sagrifiċċji. Il-parti tan-nofs. Din kienet magħluqa u tissejjaħ il-post qaddis. Hawn kienu jidħlu biss il-qassisin. Fil-kas tagħna Żakkarija wkoll. U l-aħħar parti, il-qaddis tal-qaddisin, għorfa żgħira, mudlama, fejn kien hemm l-arka tal-patt. Hawn ġew kien jidħol biss il-qassis il-kbir u dan darba biss fis-sena, fil-festa tal-Espjazzjoni, jiġifieri tal-maħfra tad-dnubiet. Issa li x-xorti daħket lil Żakkarija dan daħal waħdu fil-parti tan-nofs tat-tempju. Ġo dan l-imkien imsejjaħ ukoll il-post qaddis kien hemm tliet oġġetti, dawn kienu: (1) il kandelabru jixgħel b'seba' ftejjel isejħulu menorà, (2) mejda li fuqha kien hemm tnax-il ħobża, imsejħin tal-preżenza. Dawn il-ħobż kienu jitbiddlu kull tmint ijiem u wara jekluħ il-qassisin. (3) L-artal imsejjaħ ta' l-inċens . Kien qiegħed preċiżament hawn il-qassis Żakkarija n-naħa tal-lemin ta' l-artal (Lq 1:11) meta deherlu l-anġlu u ħabbarlu t-twelid ta' ibnu Ġwanni. Żakkarija minħabba ż-żmien kemm tiegħu u kemm ta' martu Eliżabetta ma emminx it-tħabbira ta' Gabriel, u għalhekk waqa' fil-muta. Meta mbagħad ħareġ mis-santwarju u n-nies indunaw li ma setax ikellimhom jekk mhux biss bis-sinjali, dawk aktar stagħġbu u tbellħu. Indunaw kif tassew hekk kien, li Żakkarija hemm ġew kellu dehra tas-sema.

## BNIEDEM TAL-ĠABRA

Meta l-qassisin kienu jgħaddulhom il-ġimgħatejn tas-servizz, dawn kienu jirritornaw lejn darhom. Strettament ma kinux obbligati għal ebda servizz ieħor għajr matul l-erba festi l-kbar. Imma wħud minnhom kienu jgħaddu ħafna mill-ħin tagħhom dejjem fit-tempju, jitolbu, jgħinu fil-bżonnijiet u jiċċertifikaw jekk xi ħadd kienx ikun tfejjaq jew le mill-marda kiefra tal-ġdiem: Ġesù kien jibgħathom lil dawn il-morda għand il-qassisin. (Mk 1:44). Hawn sewwa li nżidu li f'waħda mill-btieħi tat-tempju kien hemm għorfa apposta biex il-morda jidħlu ġo fiha u hemm jiltaqgħu mal-qassis, u dan wara li jarahom ikun jista' jiċċertifika dwar il-marda.

Minn din l-istess ħajja għadda il-qassis tagħna Żakkarija. Interessanti kif l-Evanġelista Luqa meta jiġi biex jitkellem minn Żakkarija, isejjaħlu "ġust" *dikaios*. Kelma li biblikament tiġbor fiha ħafna, tfisser li dan il-qassis Żakkarija kien tassew bniedem li jgħix dak kollu li titlob minnu l-Liġi qaddisa torah kaddasha. Kien bniedem li jħares bir-reqqa kollha d-dmirijiet tiegħu ta' qassis. Kien bniedem magħqud kontinwament ma' Alla, u fir-ruħ tiegħu kellu l-grazzja. Bir-raġun għalhekk li Luqa jsejjaħlu ġust. Żakkarija kien jitlob għal tliet darbiet kuljum ix-Xemà, kien iħares Jum is-Sibt, kien jagħmel l-offerti tiegħu lill-maqdes. U dan li qed ngħid dwar il-qdusija ta' Żakkarija jikkonfermaha l-Evangelista Luqa, għaliex hekk kif twieled Ġwanni l-Battista, "missieru mtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jħabbar u jgħid" (Lq 1:67).

L-Ispirtu s-Santu ma jgħix fir-ruħ ta' min ikollu d-dnub. Dawn it-tnejn ma jgħammrux flimkien, jew hemm il-grazzja jew id-dnub. L-Ispirtu s-Santu għalhekk kien kontinwament ma' Żakkarija, tant li meta wasal il-mument tajjeb, huwa nebbħu biex jgħanni dak l-innu tant sabiħ u profond li aħna insejħulu l-Benediktus. Il-Knisja għalliema tal-verità tobbliga li dak kollha li jgħidu l-qari ta' Sbiħ il-Jum jispiċċaw din it-talba bil-għanja tal-qassis Żakkarija. F'dan l-innu tal-Benediktus, Żakkarija mdawwal mill-Ispirtu s-Santu jħabbar liema missjoni nobbli kellha tkun dik ta' ibnu Ġwanni. "U inti tfajjel tissejjaħ profeta ta' l-akbar għoli, għax tmur quddiemu biex tħejjilu triqatu". Żakkarija għalhekk hu dak il-qassis ġust, magħqud kontinwament m'Alla, u jitlob u jistenna l-fidwa sħiħa ta' Iżrael. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA...



**Il-ħajja dejjem toffrilna fuqiex nirriflettu. Se nagħmlu hekk, waqt li se nsemmi xi ġrajjiet li ħabbatna dan l-aħħar, jew qed inħabbtu, wiċċna magħhom fil-preżent. X'aktarx diġà nafu bihom kollha, imma forsi ma kellniex żmien nirriflettu biżżejjed fuqhom. Smajna bihom, imma ma laqtuniex profondament kemm suppost.**

## TSUNAMI

Kif nafu, ftit ilu fix-xlokk ta' l-Asja ġrat traġedja li mhux bikkmet, iżda saħansitra bikkiet lil kulħadd. Dak li rajna fuq it-televixin kien ftit mir-realtà li ħabbtu wiċċhom magħha n-nies tal-pajjiżi milquta, kif ukoll it-turisti li kienu hemm għall-btala. F'qasir żmien sirna nafu li fid-dizzjunarju teżisti kelma li qatt ma tajna kasha. Din il-kelma hi tsunami. Tfisser *'a great sea wave produced by underwater earth movement or volganic eruption'*. Isejħulha wkoll tidal wave.

Meta bdejna naraw ċerti xeni fuq it-televixin waqt l-aħbarijiet u naqraw ċerti artikli fuq il-gazzetti, mill-ewwel ġew f'moħħna ġrajjiet li jissemmew fil-Kotba Mqaddsa. Ftakarna fid-dilluvju (Ġen 6:1-22; 7:11-24) u fil-qerda ta' Sodoma u Gomorra (Ġen 19:23-29), fenomeni li ġraw meta ħadd ma kien qiegħed jistenniehom, taqta' lil Noè fil-każ ta' l-ilmijiet kbar li kienu niżlu mis-sema u għarrqu lid-dinja magħrufa f'dawk iż-żminijiet bikrija fl-istorja tagħha. Nghid għalija rriflettejt ħafna fuq il-mewt li tista' tiġi għal għarrieda fuq dak li jkun. Fl-aħħar mill-aħħar, Ġesù ilu li qalilna li tiġi f'mument li ma nobsrux bih. Mhux hekk ġara Sri Lanka, fl-Indja, fit-Tajlandja u fl-Indonesja? Ħafna kienu qegħdin jitbaħardu 'l bogħod minn kontinenti keshin f'dan iż-żmien tas-sena - naturalment mhux bilfors f'sens ħażin - u l-maremot għamilhielhom. Dehru quddiem Alla f'kemm ili ngħidlek u daħlu fl-eternità bla ħsieb ta' xejn. X'biċċa serja kienet u madankollu ħafna mhux kapaċi jaqraw is-sinjali ta' Alla!

Iżjed ma' bdejt nara u naqra dwar dak li ġara, iżjed bdejt nintebaħ kemm hu minnu kliem il-Mulej, meta jgħid: **"Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè daħal fl-arka, u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-Bniedem. Imbagħad tnejn ikunu il-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla. Ishru, mela, għax ma tafuhx il-jum li fih jiġi Sidkom"** (Mt 24:38-42).

Dak li ġara fil-bidu ta' din is-sena ġdida, ġara bi twiddiba għalina li fuqna wasal tmiem iż-żminijiet, jgħid San Pawl (1 Kor 10:6.11). San Pietru, huwa u jitkellem mill-kundanna ta' Sodoma u Gomorra, jgħid li Alla kkundanna dawn l-ibliet antiki biex ikunu maħruqa sa ma jsiru rmied, ħalli bihom iħalli tagħlima għal dawk il-ħżiena li kellhom jiġu wara (2 Pt 2:6).

**Agħmel, Mulej, li meta tiġi biex tiġborni minn din id-dinja bil-mod kif trid int, issibni dejjem lest għall-festa tat-tieġ tiegħek.**

## PANORAMA FUQ IL-FEMINIŻMU

Il-lum il-feminiżmu qegħdin inħarsu lejh bħala ideoloġija li, taħt ċerti aspetti, huwa diskutibbli. Qed ngħid hekk għaliex mis-sittinijiet lil hawn ġrat xi ħaġa li ġagħlitu jaqbad triq radikali u permissiva. Minħabba f'hekk, il-kwistjoni ħadet proporzjonijiet ġodda u allarmanti. Saret taħraq il-kwistjoni tal-gender. Il-qofol ta' din il-kwistjoni qiegħed fil-fehma ta' xi wħud li l-esseri tar-raġel u tal-mara mhuwiex determinat fundamentalment mis-sess partikolari tagħhom, imma mill-kultura.



Ma għadiex il-bjoloġija li tiddetermina b'mod naturali d-destin tal-bniedem u tgħidlu liema huwa r-rwol u l-istatus tiegħu mill-aspett sesswali, imma saret il-persuna li fil-klima soċjokulturali li fiha tgħix, tagħżel bil-libertà kollha hija stess tkunx mara jew raġel u ġġibx ruħha ta' raġel jew mara f'ħajjitha.

Dan ifisser li fl-ideoloġija tal-gender hemm l-isforz tal-persuna li tinħeles minn kondizzjonijiet bjoloġiċi proprji, ħalli b'hekk tkun tista' timmudella l-indirizz sesswali tagħha kif jidhrilha hi. Pereżempju, din issostni li l-omosesswalità hija daqs l-eterosesswalità, xejn inqas u xejn iżjed. Tirrendi dik id-devjazzjoni daqslikieku kienet għamla ta' sesswalità normali u valida. Iżżomm li s-sesswalità hija polimorfa, jiġifieri għandha ħafna għamliet u mhux żewġ għamliet biss.

L-ideoloġija tal-gender hija ferm perikoluża. Tmur kontra dak li qalilna Alla fil-bidu tal-Bibbja meta għallimna li lill-bniedem għamlu raġel u mara. Minħabba f'hekk, tmur ukoll kontra n-natura tal-familja. Din titlob li l-ġenituri ma jkunux ta' l-istess sess, imma ta' sessi diversi u kumplimentari: ħaġa li barra li tgħinhom bħala koppja, hija ta' fejda għal uliedhom peress li l-karatteristiċi psikoloġiċi tas-sessi huma differenti minn xulxin u t tnejn iridu jitħalltu flimkien u jintgħaġnu fit-tifel/tifla li jkunu qegħdin jikbru waqt li jagħmluha mal-ġenituri tagħhom. Biex tiġi persuna ġdida fid-dinja, ġeneralment hemm bżonn ta' żewġ ċelloli ġerminali li jiltaqgħu u jitħalltu flimkien biex isir it-tnissil. Dan ngħiduh mill-aspett bijoloġiku. Biex din l-istess persuna, wara li titwieled, titla' f'saħħitha psikoloġikament, ikollha bżonn l-istess persuni li nissluha, biex issa joffrulha dota psikoloġika ma' dik ġenetika u kromosomika li jkunu diġà tawha dakinhar li nħabbu bejniethom biex iġibu ħlejqa ġdida fid-dinja.

Mingħajr żewġ ġenituri differenti sesswalment minn xulxin, it-tfal jitilgħu żbilanċjati emozzjonalment. Hekk għallmitna u hekk għadha tgħallimna l-psikoloġija tat-tfal. Dak li titlob l-ideoloġija tal-gender jirrifletti nuqqas kbir ta' responsabbiltà u jkun qiegħed ixaqleb ma' delitt faħxi mill-aspett mhux biss morali, imma anki psikoloġiku.

**Mulej, żommli rasi fejn insibha fost l-ideoloġiji strambi li aħna bbumbardjati bihom fi żmienna.**

## THE DA VINCI CODE

Fil-preżent hawn ħafna diskors fuq *The Da Vinci Code, a novel* jew *a work of fiction* miktub minn Dan Brown. F'qasir żmien sar *mega-best-seller*. Dan il-ktieb qajjem ħafna diskors serju u fiergħ fl-istess ħin. Dawk li widnejhom jikluhom għal kull teorija ġdida, basta tmur kontra t-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja, tgħidx kemm qegħdin jorku jdejhom bil-kontenut, jew aħjar, bil-balbuljata ta' dan il-ktieb; dawk iżda li jafu l-affarijiet kif inhuma fil-verità duttrinalment, storikament u artistikament u għandhom sens kritiku ta' kulma nkiteb fil-ktieb, b'argumenti sodi qegħdin juru ħaġa waħda biss dwaru: li ma huwiex ħaġa oħra għajr *'Brown's mess'... 'twisting Da Vinci artistic works'... 'riping the cup away to the realm of esoteric history'.* U hekk hu tassew!



Il-kurżitajiet li Brown iqajjem fuq il-Holy Grail u l-interpretazzjoni simbolika li jagħti tiegħu kienu u huma kbar. Imma Sandra Miesel, hija u tikkritika l-ktieb ta' Brown, tgħid: *"His book is more than just the story of a quest for the Grail - he wholly reinterprets the Grail legend. In so doing, Brown inverts the insight that a woman's body is symbolically as container and makes a container symbolically a woman's body. And that container has a name every Christian will recognize, for Brown claims that the Holy Grail was actually Mary Magdalene. She was the vessel that held the blood of Jesus Christ in her womb while bearing his children. "Over the centuries, the Grail-keepers have been guarding the true (and continuing) bloodline of Christ and the relics of the Magdalen, not a material vessel. Therefore Brown claims that the quest for the Holy Grail is the quest to kneel before the bones of Mary Magdalene, 'a conclusion that would surely have surprised Sir Galahad and the other Knights who thought they were searching for the chalice of the last supper."*

Aħna u naqraw il-ktieb ta' l-awtur Amerikan, irridu noqogħdu attenti minn ħafna affarijiet. L-iżjed biex ma nwaqqgħux id-divinità ta' Kristu fil-fiergħ, inkella, jekk nagħmlu hekk, inkunu qed inwaqqgħu l-Kredu kollu bil-konsegwenzi kollha li dan in-nuqqas ta' twemmin jista' jġib miegħu mill-aspett morali. •

**Mulej, meta jiġu f'idejja kotba kontroversjali, għinni ħalli ma nitħawwadx fil-fidi li nistqarr.**



# Inawgurat l-Istitut Kattoliku St. Francis Xavier MALINDI - KENJA

**L-inawgurazzjoni ta' l-Istitut Kattoliku Djoċesan hija waħda mill-ħolmiet ta' l-Isqof ta' Malindi, il-Kenja, Mons. Francis Baldacchino, li raħa sseħħ nhar il-Ħadd, 5 ta' Diċembru 2004.**

L-Istitut jiġbor fih tliet binjiet differenti li fihom jinkludu: Ċentru Pastorali u Segretarjat Kattoliku. Mons. Giovanni Tonucci, Nunzju Appostoliku għall-Kenja kixef il-plakka li tfakkar l-inawgurazzjoni ta' l-Istitut u bierek il-kompless kollu.

Iċ-Ċentru Pastorali li hu sponsorjat mill-Provinċja Kapuċċina Maltija u l-Isqfijiet Kapuċċini, ġie inawgurat minn Fr Leonard Falzon OFMCap., li mar apposta l-Kenja għal din l-okkażjoni, akkompanjat minn grupp ta' lajċi membri fil-Kummissjoni Missjoni tal-parroċċa San Ġwann, fl-assenza tal-Provinċjal, Fr Joe Alessandro. Il-grupp kien jinkludi lil Henry u Liz Salomone, Helen Hinton, Martina Micallef u Emily Muscat.

Matul it-tliet ġimgħat ta' żjara fil-Missjoni tal-Kenja ll l-grupp għamel f'Novembru/Diċembru 2004, il-membri ħasbu li jżuru l-istazzjonijiet kollha fejn jinsabu l-missjunarji Maltin ibda mid-Djoċesi ta' Garissa, Malindi u Nairobi. Il-vjaġġi offrew sfida mhux biss lill-grupp, iżda anki lill-istess missjunarji li laqgħuna u daru bina b'impenn u bil-ferħ. Grazzi mill-qalb lill-Isqfijiet Kapuċċini Maltin, Mons. Pawlu Darmanin u Mons. Francis Baldacchino u lill-Patrijiet u s-Sorijiet kollha li ltqajna magħhom matul din l-avventura b'ħafna sens għalina u apprezzament min-naħa tagħhom għall-interess li wrejna fihom u f'ħidmiethom f'isimna u f'isem l-ammiraturi tal-Missjoni f'Malta. Eżempju ta' dan huwa l-fatt li baqa' stampat f'moħħna lkoll u li kattar fina l-ammirazzjoni tagħna lejh, l-akkompanjament li l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin għamel minn Nairobi sa Garissa wara li appositament kellu jivvjaġġa 'l fuq minn 500km waħdu f'landrover.

Waqt importanti ta' din il-mawra fil-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja kien l-inawgurazzjoni ta' l-Istitut Kattoliku f'Malindi. Igur li dan l-Istitut li hu sabiħ ħafna se jkun struttura siewja ferm għad Djoċesi ta' Malindi għall formazzjoni ta' dawk kollha li se jirċievu l-frott ta' l-iskop tiegħu.

L-inawgurazzjoni kellha l-bidu tagħha b'purċissjoni ta' 35 minuta mill-kappella ddedikata lil San Franġisk Saverju sal-pjazza tal-katedral,






akkumpanjati minn xemx u s-sħana tagħha b'temperatura merfugħa sew, fejn saret konċelebrazzjoni ta' Quddiesa mmexxija min-Nunzju għall-Kenja, Mons. Tonucci, u wara għall-post fejn hemm l-Istitut.

Hawn sar il-kxif tal-lapidi mal-faċċata ta' l-Istitut min-Nunzju u oħrajn, fosthom rappreżentant tal-Proponganda Fidei u Fr Leonard Falzon OFMCap li nawgura ċ-Ċentru Pastorali sponsorjat mill-Kapuċċini: Provinċja Maltija u Isqfijiet. Immedjatament wara kulħadd sab postu fl-auditorium fejn saru diversi diskorsi ta' l-okkażjoni, fosthom mir-rappreżentant Malti, Fr Leonard Falzon OFMCap. •

*Id-diskors ta' l-okkażjoni jidher fil-ħarġa ta' Marzu 2005.*





# KUMPLIMENTI MILL-KENJA

Għażiż Patri Leonard Falzon OFMCap

Filwaqt li minn qalbi nagħti merħba kbira lilek u l-grupp kollu li għoġobkom tiġu żżuruna, nixtieq ukoll nuri l-apprezzament tiegħi personali u tad-Djoċesi għall-interess u mħabba kbira tagħkom lejn il-Missjoni u x-xogħol fid-Djoċesi.

Naf u napprezza l-għajnuna sostanzjali li dejjem għentu biha d-Djoċesi, frott tal-ġenerożità u s-sagrifiċċji li intom tagħmlu. Naf li dan intom tagħmluh bi spirtu missjunarju kbir u minn qalbkom. Ċert li t-talb u l-appoġġ tagħkom jgħinna ħafna biex inkomplu



nirsistu u naraw li l-Knisja ta' Kristu, jiġifieri Kristu stess, jikber kemm fina u kemm fin-nies ta' madwarna. Din hija l-missjoni tagħna flimkien u li qegħdin naħdmu għaliha taħt il-ħarsien u t-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu. Nirringrazzjakom ħafna ta' l-appoġġ tagħkom meta nkunu fostkom Malta, filwaqt li mill-ġdid nagħtikom il-merħba kbira tagħna fostna.

Sellulna ħafna wkoll għall-ħbieb kollha li qegħdin Malta. F'għaqda ta' sejħa missjunarja,

**Ħukom fi Kristu**
**Paul Darmanin OFMCap**
**Isqof ta' Garissa**

Għeżież benefatturi,

Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom. F'isem il-kattoliċi tagħna ta' Mpeketoni nixtieq nżżi ħajrkom għall-offerta ta' US$ 882.01. Dawn il-flus sa nżidhom ma' dawk li ġa għandna biex nibnu knisja f'wieħed mir-rimote areas tagħna. Grazzi u l-Mulej iroddilkom dak li baghtulna. Minn qalbna nixtiqulkom il-Milied it-tajjeb u Sena Ġdida lilkom u lil familji tagħkom.

**Sliem u Hena**
**Fr Hilary Abela OFMCap**
**Mpeketoni**

# Ittri t'apprezzament

Għażiż Leonard,

Sliem, barka u hena dejjem mill-Mulej. Qabel xejn mill ġdid grazzi lilek u lill membri kollha tal-Kummissjoni Missjoni tal-parroċċa San Ġwann. Permezz ta' l-għajnuna tagħkom nista' nkompli ngħin fl-istudji lil ħafna studenti li qed ngħin fl-istudji sekondarji tagħhom, jieħdu preferenza dawk li huma orfni. Tislijiet lil kulħadd speċjalment lill-grupp li kontu magħna ftit jiem ilu.

**Fr Publius Mair OFMCap**
**Nairobi**

Hello Leonard,

Ġejjin, ġejtu u tlaqtu. Nispera li ħriġtu sodisfatti, għax aħna dejjem gost nieħdu meta tiġu tarawna.

F'dawn il ġranet tal-Milied nirringrazzjawkom ta' kemm tkunu ġenerużi man-nies tagħna anki jekk dan jitlob sagrifiċċju min-naħa tagħkom.

Awguri lilek u lil dawk kollha li jgħinuk.

**Fr Emmanuel Barbara OFMCap**
**Nairobi**

Carissssimooo,

Nittama li llandjajt mill-ġdid fuq l-art Maltija. Illum dalwaqt tinxterdu biex tiċċelebraw il-Milied.

Xiħadd forsi diġà beda jnaqqar il-Christmas pudding... Nixtieqlek Milied Qaddis, Sena Ġdida u mimlija barka t'Alla. Selli għall-kontinġent Malti u iżżi ħajr lill-Fraternità Missjunarja. L-Istitut diġà kellu seminar ieħor ta' 50 żagħżugħ u ieħor ta' 60 tfajla.

Għalaqna għal ftit biex kulħadd jistrieħ. Għal Jannar nagħti kulma daħal lill-kuntrattur, u nibda b'dejn mill-inqas. Daħal container ta' 40 pied u jriduna nħallsu fuq Lm1,500.

**Frans ta' Malindi**

# Ordinazzjoni tad-Djakonat lill-Br Peter Chrisant Mwanzia OFMCap u Professjoni ta' Br Frederick Okello OFMCap

**minn Fr Publius Mair OFMCap**

"Nhar is-Sibt, 11 ta' Diċembru 2004, fil-knisja tal-kunvent tagħna l-Kapuċċini ġo Lang'ata, Nairobi, Br Peter Chrisant Mwanzia, Kapuċċin, ġie ordnat Djaknu flimkion ma' żowġ djakni oħrajn Franġiskani Konventwali mit-Tanzania. Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, ordna lit-tliet djakni ġodda.







Għall-quddiesa ta' l-ordinazzjoni kien hemm preżenti Patri Isidor Peterhans, il-viċi Ministru Provinċjal tal-Kapuċċini fil-Kenja, il-Kustodju tal-Patrijiet Konventwali tat-Tanzania, flimkien ma' għadd kbir ta' Patrijiet Kapuċċini u Konventwali u saċerdoti djoċesani. Il-quddiesa, li bdiet fil-10:30 spiċċat madwar is-1:45pm. Il-knisja kienet mimlija bħal bajda u n-nies li attendew kellhom isegwu minn barra. Il-kor tal-parroċċa tagħna l-Kapuċċini ġo Ruiru mexxa lill-kongregazzjoni fil-kant u gruppi ta' tfal mill-istess parroċċa animaw l-Ewkaristija bil-kant, żfin tradizzjonali fid-dħul, flintronizzazzjoni tal-Kelma ta' Alla, fl-offertorju u fit-tmien tal-quddiesa.

Fl-istess quddiesa Br Frederick Okello għamel l-ewwel professjoni tiegħu reliġjuża f'idejn Patri Isidor Peterhans. Br Frederick huwa wieħed mis-seba' neo-professi tal-Viċi Provinċja Kapuċċina fil-Kenja. Għal raġunijiet ta' saħħa ma setax jagħmel l-ewwel professjoni tiegħu flimkien ma' sħabu n-novizzi l-oħra. Fit-tmiem tal-quddiesa dawk kollha li kienu preżenti ġew mistiedna għall-ikel u waqt l-ikel, kif inhi t-tradizzjoni, hawn saru ħafna diskorsi,kemm min-neo ordinandi, kif ukoll mill-Patrijiet u familjari." •



## APPOSTOLAT TAT-TALB

Intenzjonijiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2005.

## L-OFFERTA TA' KULJUM

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma ngarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

## FRAR

**BIEX il-morda, speċjalment dawk l-aktar foqra, jingħataw l-attenzjoni u l-kura medika li jixirqu lill-bnedmin.**

**BIEX il-missjunarji kollha, irġiel u nisa, jagħrfu aktar li huwa biss permezz ta' mħabba ħerqana għal Kristu li jistgħu jwasslu l-Evanġelju b'mod effikaċi u konvinċenti.**

**BIEX il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali f'pajjiżna jservu bħala mezz tajjeb għall-evanġelizzazzjoni mill-ġdid tas-soċjetà tagħna.**

# Ittri lill-Editur

Għażiż Fr Leonard,

L-ewwelnett nifraħlek tal-ħatra tiegħek bħala editur ta' Dawl Franġiskan. Għandi ngħidlek illi l-input tiegħek diġà jinħass fir-rivista li qed naqra bħalissa. Naħseb li din hija l-ewwel rivista taħt it-tmexxija tiegħek, hux hekk? Nixtieqek tiskuża l-Malti tiegħi. Inħossni aktar komdu nikteb bl-Ingliż, għax sfortunatament l-iskola ma tantx tajna wisq importanza lill-ilsien Malti! Nieħu pjaċir naqra l-artikli, meta jkunu interessanti, bħall-artiklu ta Patri Joe Buttigieg fuq l-Islam. Filwaqt li napprezza l-ħidma ta' San Franġisk mal-Musulmani, jien ta' l-ideja u opinjoni illi verament teżisti theddida serja, għat-twemmin tagħna. Forsi ppretendejt illi l-artiklu kellu jinkludi aktar pariri u/jew xi forma ta' preparazzjoni li wieħed jew waħda għandhom jagħmlu jew jaħsbu għal din il-mewġa dinjija. Hija sabiħa t-triq ta' djologu u l-affarijiet oħra li semma l-awtur, iżda kemm mill-Misilmin huma lesti għal dan? Nibża u nemmen illi l-Islam mhux tolleranti għal ebda reliġjon oħra u jridu jgħixu fil-libertà tagħhom barra minn pajjiżhom, iżda naħseb li mhux lesti jagħtu l-istess libertà lill-Insara u reliġjonijiet oħra f'pajjiżi fejn għandhom il-monopolju. Nixtieq u napprezza aktar informazzjoni jew tweġiba mill-awtur fuq is-suġġett u naħseb illi l-aħħar żewġ paragrafi ta' l-artiklu jistgħu jinfetħu aktar. Grazzi u tislijiet.

**Vince Tanti, San Ġwann**

---

Għażiż Editur,

Fraħt ħafna li rbaħt it-Tisliba u fraħt aktar bil-kotba sbieħ li bgħattli bi premju. Nirringrazzjak minn qalbi. Fr, kont naħseb li t-tisliba tkun tqila biex insolviha, però t-tifel tiegħi qalli: "Ma, aqbad il-Bibbja, qalleb u tara kemm tieħu pjaċir tagħmilha!" U veru hekk kien, anzi nħajjar lill-qarrejja ta' Dawl Franġiskan biex jagħmlu bħali u jaqbdu l-Bibbja f'idejhom – fl-istess ħin titgħallem ukoll. Nixtieq nibgħat xewqat sbieħ għall-Milied imżejjen bl-imħabba ta' Ġesù Bambin lilek u l-Kapuċċini kollha speċjalment lil dawk li jinsabu fil-Missjoni.

**Josephine Craus, Ħaż-Żabbar**

---

Għażiż Fr Leonard,

Pax Christi. L-ewwelnett xewqat sbieħ għal Sena Ġdida. Irrid nieħu din l-okkażjoni biex nifraħlek għall-mod kif ir-rivista giet ippreżentata - verament b'mod sabiħ li ġġagħalek taqbadha u taqraha kollha. Naħseb li mhux biss il-lay-out inbidel, imma wkoll il-kwalità tal-karta għax naħseb li hi ftit irqaq u isbaħ minn ta' qabel. Avolja mdorrijin ngħidu DEO GRATIAS iktar milli PROSIT, imma rrid ngħidhomlok it-tnejn għax tassew jixirqu f'din l-okkażjoni. Nibqgħu nitolbu għal xulxin. Berikni.

**John Fromosa sdc, Gżira**

**Naħseb ilkoll naqblu li waħda mill-iżjed xewqat li jkollna bħala ġenituri hija li wliedna jkunu kuntenti. Meta l-ulied ikunu kuntenti b'ħajjithom huma jżommu 'l bogħod minn modi ta' ħajja anti-soċjali u għalhekk ikunu ċittadini tajbin.**



# EDUKAZZJONI GĦALL-EMOZZJONIJIET

Biex uliedna jkunu kuntenti, aħna bħala ġenituri - l-ewwel edukaturi - irridu nirriflettu din il-kuntentizza. Meta l-ġenituri jkunu ferħana u b'saħħithom emottivament ikunu jistgħu jattendu aħjar għall-bżonnijiet emottivi ta' wliedhom. Jekk il-ġenituri m'humiex ibbilanċjati emottivament u m'humiex kuntenti fil-ħajja tagħhom ma jistgħux ikunu mudell tajjeb għal uliedhom. Ħafna drabi dawk il-ġenituri illi jħallu l-ħtiġijiet tagħhom ibatu biex kif jaħsbu huma jkunu jistgħu jaqdu lil uliedhom, ħafna drabi ma jkunux ħlief jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom infushom, bħal ħtieġa ta' l-attenzjoni.

It-tfal jitgħallmu bl-eżempju, għalhekk it-tfal jitgħallmu mill-ġenituri kif għandhom iġibu ruħhom fl-emozzjonijiet tagħhom. Iżda l-ulied jitgħallmu wkoll billi jassorbu dak li jaraw u jesperjenzaw. Fi kliem ieħor, jekk il-ġenituri huma mbeżża' u depressed, it-tfal se jiġbru dawn l-emozzjonijiet. L-emozzjonijiet huma kontaġjużi. Fil-preżenza ta' xi ħadd imdejjaq mingħajr ma trid tħossok imdejjaq. Issa nimmaġinaw kemm tfal illi qegħdin fil-preżenza kontinwa tal-ġenituri tagħhom kemm se jixorbu minn dawn l-emozzjonijiet illi jkunu qegħdin għaddejjin minnhom il-ġenituri.

Hawnhekk se nipprovaw nagħtu xi idejat ta' kif ngħinu lil uliedna jkunu aktar kuntenti b'ħajjithom u billi aħna bħala ġenituri nkunu aktar bilanċjati fil-mod kif nimmaniġjaw l-emozzjonijiet tagħna.

### X'Inhuma wħud mill-bżonnijiet emottivi tagħna bħala ġenituri?

Il-ġenituri għandhom il-bżonnijiet emottivi tagħhom li jekk ma jissodisfawhomx jiġri illi jinfluwenzaw lill-ulied sa mill-ewwel mumenti tal-ħajja tagħhom. Fost dawk il-bżonnijiet li għandna lkoll kemm aħna nistgħu nsemmu l-bżonn li nkunu aċċettati minn dawk ta' madwarna, ammirati u apprezzati minn dawk illi huma b'tifsira f'ħajjitna, inkorraġiti u ssapportjati f'dak li nagħmlu u mismugħin meta għandna xi ħaġa xi ngħidu. Hemm mumenti meta rridu nħossuna importanti u fil-kontrol tas-sitwazzjoni, maħbubin u rrispettati, siguri minna nfusna u rrikonoxxuti għal dak li nagħmlu.

**It-tfal żgħar huma bħal sponża ta' l-emozzjonijiet. Jixorbu dawk l-emozzjonijiet kollettivi li jsibu fil-familja. Jekk hemm biża', inkwiet, kulħadd fuq id-difiża, insigurtà, rabja, animosità eċċ, it-tfal se jikbru b'sens ta' insigurtà u għalhekk is-self-esteem tagħhom se jbati ħafna.**

## Qabel ma jitwieldu

Sa minn qabel ma jitwieled jew titwieled it-tarbija dawn il-bżonnijiet jibdew iħallu l-effetti tagħhom. Aħna lkoll xi ftit jew wisq għandna xi nuqqas minn dawn il-bżonnnijiet. Issa aktar ma nkunu rnexxilna nilħqu minn dawn il-bżonnijiet iżjed jirnexxielna nibnu lilna nfusna u jkollna self-esteem b'saħħtu. Dan jgħin biex tinbena relazzjoni b'saħħitha u feliċi bejn tnejn li jinħabbu. Bla dubju s-self-esteem huwa l-akbar fattur li jwassal għal relazzjoni b'saħħitha u għalhekk meta jkollhom it-tfal, dawn jikbru tfal emozzjonalment u psikoloġikament b'saħħithom.

Ir-relazzjoni bejn tnejn li jiddeċiedu li jgibu t-tfal fid-dinja tinfluwenza lill-wild. Hemm studji li juru li anki fit-tqala, il-mod kif iħossuhom ir-raġel u l-mara lejn xulxin jaffettwaw lit-tarbija li għadha fil-ġuf. Il-ġisem ta' l-omm li għaddejja minn ansjetà u dippressjoni, jifforma kimika fil-moħħ li jirriżulta fi stress fil-ġisem. Din ir-riċerka tkompli ssostni illi dawn l-emozzjonijiet fit-tqala jirriżultaw f'insigurtà fit-tarbija.

## Is-snin bikrija

Malli t-tarbija titwieled mill-ewwel sigħat tibda tibni l-idea tagħha nnifisha (self-image) billi tibda tiġbor evidenza li tgħinha tiddettermina:

- ***Jekk tħossiex apprezzata u maħbuba***
- ***Jekk tħossiex li hija aċċettata minn dawk ta' madwarha***
- ***Jekk tħossiex li hija importanti***

It-tfal żgħar huma bħal sponża ta' l-emozzjonijiet. Jixorbu dawk l-emozzjonijiet kollettivi li jsibu fil-familja. Jekk hemm biża', inkwiet, kulħadd fuq id-difiża, insigurtà, rabja, animosità eċċ, it-tfal se jikbru b'sens ta' insigurtà u għalhekk is-self-esteem tagħhom se jbati ħafna. Bl-istess mod jekk fil-familja hemm il-ferħ, kalma, kuntentizza, imħabba u affezzjoni u apprezzament, is-self -esteem tat-tfal jiffjorixxi. Billi fl-ewwel snin ir-rabta l-aktar b'saħħita hija ma' l-omm, l-emozzjonijiet li l-aktar jinfluwenzaw fl-ewwel snin huma dawk ta' l-omm.

Għalhekk anki meta l-omm tkun irrabjata mhux minħabba t-tarbija, it-tarbija tassorbi dawn il feelings negattivi. Tajjeb ngħidu hawnhekk illi hemm studji li juru b'mod ċar illi dawn l-ewwel snin huma tassew kruċjali għaliex fihom persuna tista' titlef dawn l-emozzjonijiet għal kollox. Il-moħħ meta jara li xi emozzjoni mhijiex apprezzata u nkuraġġita jaħseb li mhemmx bżonn ta' dik l-emozzjoni u jneħħiha għal kollox .

Per eżempju, tifel li t-temperament ġenetiku tiegħu jinklinah biex ikun ferħan, iżda jgħix f'familja fejn m'hemmx ferħ, l-espressjoni ta' ferħ tintilef b'mod pjuttost permanenti. Bl-istess mod jiġri għall-emozzjonijiet importanti oħra. Jekk ngħidu aħna r-rabja u emozzjonijiet negattivi oħra jiġu mwarrba jew skuraġġiti, il-kapaċità f'dawn l-emozzjonijiet tiddgħajjef. Fil-familja għalhekk il-ġenituri jridu jkunu mera ta' dawn l-emozzjonijiet kollha. Kull espressjoni ta' emozzjoni f'waqtha hija meħtieġa biex it-tifel jikber f'adult sħiħ. Irid ikun kapaċi jifraħ meta għandu jifraħ, jibki meta għandu jibki u jirrabja meta għandu jirrabja.

Aħna bħala ġenituri noħonqu xi emozzjonijiet billi per eżempju ninjoraw it-tifel jew tifla meta juru sinjali ta' xi emozzjoni jew bżonn ta' attenzjoni, meta nikkastigaw expressjoni ta' xi emozzjoni jew bżonn jew meta nużaw kliem bħal:

- ***Ara ma nisimekx tgħid xi ħaġa bħal din darba oħra.***
- ***Inti ma jmissekx tħossok hekk.***
- ***Immissek tistħi.***
- ***Imissek tkun grat... imissek tħossok iffurtunat... imissek tkun kuntent...***
- ***Neħħi dik it-tbissima minn fuq wiċċek.***
- ***Ma rridx nisma' aktar qrid u tgergir.***
- ***Aħseb f'dawk illi ġiethom agħar minnek.***
- ***Jekk mhux se tieqaf tibki se nagħtik biex tibki eċċ.***

Dawk il-ġenituri illi huma emozzjonalment b'saħħithom, aktar milli jiddettaw kif għandhom iħossuhom uliedhom jew jifgaw l-emozzjonijiet tat-tifel jew tifla, joħolqu ambjent sigur fejn it-tfal jistgħu jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom. Mingħajr din is-sigurezza t-tfal jikbru jaħsbu illi m'huwiex tajjeb li tesprimi jew ikollok ċerti emozzjonijiet, bil-konsegwenza illi meta jiġuhom dawn l-emozzjonijiet iħossuhom ħatja u għalhekk is self esteem tagħhom se jbati.

Li wliedna jkunu kapaċi juru dawn l-emozzjonijiet huwa tassew importanti l-aktar f'mumenti meta wliedna jkunu bdew jissieltu mad-diffikultajiet tal-ħajja. Meta nibdew ninnotaw bdil fil-burdata jew jiġu jibku d-dar wieħed ikun jista' jinduna li hemm xi ħaġa li mhix normali li qiegħdha tiġri. Jekk minn naħa l-oħra dawn l-emozzjonijiet jiġu fgati ma jkollna xejn li jindikalna li t-tifel jew it-tifla għaddejjin minn mumenti diffiċli. Jekk dan jiġri jaf ikun tard wisq biex inkunu nistgħu nagħmlu xi ħaga biex ngħinu.

Periklu ieħor jista' jkun li minħabba problemi fil-familja jew fiż-żwieġ tagħna, inkwiet ta' finanzi jew problemi oħra naljenaw irwieħna u ma nindunawx fil-ħin b'dak li jkunu għaddejjin minnu wliedna b'konsegwenzi kbar.

Huwa għalhekk illi aħna l-ġenituri għandna responsabbiltà kbira li aħna stess nimbnew emottivament biex uliedna jkollhom minn fejn jassorbu eżempju b'saħħtu ta' kif għandhom iġibu ruħhom fid-dinja ta' barra. •

# Mifxula...



**Patri, fil-Milied żewġi għamilli kumpliment. Qatagħli biljett biex immur nara Maltija, ħabiba tiegħi, li ilha żmien twil immigrata f'ċertu pajjiż, 'l bogħod minn artna. Tista' taħseb kemm ħadt gost bil-ġest tiegħu! Wara ftit li wasalt hemm, hi u żewġha ħaduni dance. Meta għajjejt niżfen, qgħadt bilqiegħda ma' ġemb raġel li, minn għalija, ma kontx nafu minn Adam. Ħabta u sabta ntbaħt li qiegħda bilqiegħda ħdejn raġel li, meta kont tfajla, kont miġnuna warajh bla ma kien jaf xejn dwar hekk. Imma kont sirt naf li kien siefer, qtajt jiesi minnu u nsejtu għalkollox. Dak il-ħin infxilt u beda jxoqq l-għaraq għalija. Staqsieni ġralix xi ħaġa u għedtlu li ma ġrali xejn serju. Minn dak inhar sa llum iżda ħassejtni mħawda waħda sew u bqajt nhewden fuqu sa llum. Għalkemm qed inħossni qisni erġajt sirt żagħżugħa f'imħabbti, fl-istess ħin qed narani mifxula wisq b'dak li kelli nħabbat wiċċi miegħu bla ħsieb ta' xejn. X'irrid nagħmel biex nerġa' nikseb il-paċi u nerġa' ninsieh lil dak l-imbierek raġel?**

Kos, l-affarijiet ma jitwemmnux! Imma din hija r-realtà tal-ħajja. Dak li ma jitwemminx jiġri fil-fatt. Dan huwa l-każ tiegħek. Naħseb li kieku sifirt apposta biex tmur tfittex l-ewwel raġel li darba daħallek f'qalbek meta kont żgħira, ibqa' ċerta ma kontx se ssibu, iżjed u iżjed meta ma kontx tafu b'ismu, kif tajtni x'nifhem mill-ittra tiegħek. Imma issa hekk ġara u la l-affarijiet ġraw kif ġraw, irridu naraw x'jaqbillek tagħmel.

Irringrazzja 'l Alla tal-prudenza tiegħek. Fiċ-ċirkostanzi li sibt ruħek fihom inti u titkellem miegħu, waħdek, mhux mar-raġel tiegħek, stajt emozzjonajt ruħek b'tali mod li qbadt u għedtlu xi ġralek tassew, meta ma bdejtx tħossok f'siktek. Sibt ruħek f'sitwazzjoni imbroljanti, kont tgħidlu l-iċken kelma u min jaf x'kien jiġri. Imma inti kont għaqlija u dan ma għamiltux. Dan li qed inġagħlek tirrealizza għandu għax iferħek ħafna għax bqajt fidili lejn żewġek fi kliemek.

Kif ġara l-każ tiegħek bilfors li titħawwad. Fiċ-ċirkostanzi li sibt ruħek fihom bilfors li titħawwad bil-kif. Li tiltaqa' mal-persuna li bdejt tħobb l-ewwel darba u tiltaqa' magħha b'kumbinazzjoni, altru li tqajjem fik sentimenti qawwija u terġa' tħossok miġbuda lejha. Is-sitwazzjoni li sibt ruħek fiha qajmet fik immedjatament ċerta dinamika ta' mħabba li kienet ilha żmien twil rieqda. L-emozzjonijiet li kkaġunat fik issa jridu jieħdu t-temp tagħhom, sakemm jerġgħu jiġu għalli kienu qabel, kif żgur se jiġrilek.

Madankollu inti trid tgħin ruħek ukoll fis-sitwazzjoni li issa sibt ruħek fiha, sitwazzjoni mhux faċli. Ftakar kemm ir-raġel tiegħek iħobbok, ġaladarba ħallaslek daqshekk flus biex issiefer u tieħu pjaċir. Mela tagħmillux tort billi toqgħod taħseb fl-ieħor apposta, inkella tkun infidila lejh u din il-ħaġa tnissel fik, maż-żmien, sens qawwi ta' ħtija. Kif kont fidila fi kliemek billi lir-raġel li ltqajt miegħu ma wrejtu b'xejn, issa trid tibqa' fidila lejn żewġek, billi ma toqgħodx tħammem la fuq ir-raġel li ltqajt miegħu fid-dancing hall u lanqas fuq x'setgħet kienet ir-raġuni li kellek tiltaqa' miegħu ħabta u sabta. B'hekk tibda tinsieh bil-mod il-mod. Ftakar li dak li ġralek għandu mill-mard. Dan jidħol fuq debba u joħroġ fuq nemla. B'hekk tibqa' fidila lejn żewġek anki emozzjonalment u sentimentalment.

Fit-talb tiegħek, speċjalment waqt it-tqarbin, ġedded il-fedeltà tiegħek lejn żewġek, ħalli Ġesù jkompli jagħtik il-forza biex tegħleb l-emozzjonijiet qawwija li ħakmulek qalbek. Il-Mulej jerġa' jġib il-bnazzi fuq il-ħajja miżżewġa tiegħek minn hawn u ftit ieħor. •

# Eloġju lill-Knisja tiegħi

*minn Francesco Pio Attard*



Ilbieraħ dħalt f'kappella mingħajr fided
u ħemda w faqar kien kulma rajt fiha,
imma fin-nofs kien hemm l-Ewkaristija...
u hemm sibt 'l Alla.

Mit-tempju (darba) Kristu keċċa l-bejjiegħa,
'mma llum mill-ġdid sar post tat-teatrini
fejn darba f'sena jiżfnu l-ballerini;
u n-nies iċapċpu.

Il-Ħadd, f'ta' l-għaxra l-kor kien mimli ilħna
iwerżqu bil-Latin arji bla sugu –
tgedwid li ħadd ma jifhmu ħlief min jgħidu;
u n-nies iħarsu.

Ta' nofsinhar, f'jum l-Għid, Dun Piet qaddisha,
għad-daqq tal-qniepen f'ġenn bla liturġija
waqt l'hu jipprova jwassal l-omelija;
u n-nies joħolmu.

U darba f'sena l-knisja tkun mimlija
bil-folla tal-"kredenti" kollha ħrara
ħa tara minn qarabha ħierġa l-vara;
u n-nies jiżżeffnu.

F'dal-bini mogħni b'titli u teżori
lil Alla ma lmaħtux; kien hemm wisq storbju
u hu baqa' hemm fuq jibki r-rikordju
ta' knisja oħra.

## Patri Stiefnu Barbara u Patri Vitor Buhagiar
# 60 sena Presbiteri fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin

**Lejn tmiem Diċembru tas-sena 2004, il-Patrijiet Stiefnu Barbara (Bormla) u Vitor Buhagiar (Xagħra, Għawdex) iċċelebraw is-60 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Dawn iż-żewġ ħutna bil-ħidma tagħhom f'tant sempliċità matul dawn is-snin urew u taw xhieda ta' x'ifisser tkun Franġiskan Kapuċċin. Dan il-Ġublew ġie ċċelebrat separatament.**



Nhar il-Ħadd, 19 ta' Diċembru 2004, saret Ewkaristija fil-knisja tal-Kapuċċini l-Furjana mmexxija minn **Patri Stiefnu Barbara** nnifsu flimkien mal-Provinċjal, Fr Joe Alessandro, u bosta Patrijiet oħra li ngħaqdu miegħu f'radd il-ħajr lill-Mulej. Fr Martin Micallef OFMCap għamel l-omelija ta' l-okkażjoni li fiha semma' s-sbuħija tal-ħajja Franġiskana Kapuċċina mgħejxa f'impenn u fis-sempliċità. Matul il-quddiesa wieħed mill-abbatini ppreżenta lill-Patri Stiefnu statwa tal-Bambin Ġesù, li matul ħajtu għamel mijiet minnhom sabiex iqassamhom lit-tfal biex ikabbar id-devozzjoni Franġiskana lejn Ġesù tarbija. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bi pranzu li għalih kienu mistiedna familjari u ħbieb ta' Patri Stiefnu.



It-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2004, saret Ewkaristija kkonċelebrata mmexxija mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro OFMCap b'tifkira u radd il-ħajr tal-Ġublew tad-Djamant mill-Ordinazzjoni Presbiterali ta' **Patri Vitor Buhagiar** OFMCap li jinsab rikoverat fid-dar ta' l-Anzjani ta' Santa Katerina fir-Rabat, Għawdex. Ħadu sehem f'din il-konċelebrazzjoni l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini tal-fraternità ta' Għawdex, Patri Stiefnu Barbara flimkien ma' xi Saċerdoti Għawdxin. Preżenti kien hemm ukoll għadd ta' familjari u ħbieb ta' Patri Vitor. Fl-għeluq tal-quddiesa, il-Gwardjan tal-fraternità ta' Għawdex, Patri Joe Libreri, għamel kelmtejn li fihom semma' l-appostolat li Patri Vitor wettaq speċjalment mal-morda fi sptarijiet diversi.

**Ad Multos Annos!**

# Lotterija tal-Milied 2004 b'riżq il-Missjoni tal-Franġiskani Kapuċċuni.



Il-Lotterija tal-Milied b'risq il-Missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin telgħet nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2005, fis-sala taċ-Ċentru Kultura Franġiskana, il-Floriana, fil-preżenza tal-Provinċjal, Helpers u benefatturi oħra tal-Missjoni

**L-ewwel premju: Biljett nru. 015881 - Mrs Tanja Cilia, 29 Maria, Triq il-Palazz l-Aħmar, Sta Venera.**

**It-tieni premju: Biljett nru. 29529 - Mr Carmelo Grech, 3 Triq Fortunato Mizzi, Victoria Gozo.**

**It-tielet premju: Biljett nru. 034231 Mr Steve Borg, Halford, Blk B/6 Hse Est, B'Buġia**

**Ir-raba' premju: Biljett nru. 00887 Mr Alfred Taylor, 15 Mary, Triq Lord Byron, Hamrun.**



# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

## IT-TNEJN U GĦOXRIN PARTI

Fit-tnejn u għoxrin parti mis-sensiela ta' artikli dwar kwadri u statwi li juru lil San Franġisk t'Assisi se nibdew il-mawra tagħna ma' diversi knejjes li nsibu fil-Belt Valletta. F'din il-ħarġa se nżuru l-knisja Bażilika ta' Ommna Marija tal-Porto Salvo jew kif inhi magħrufa aħjar bħala ta' San Duminku, il-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-knisja taċ-Ċirkonċiżjoni ta' Ġesù magħrufa bħala tal-Ġizwiti u l-kappella ta' Santa Marija Maddalena.



Il-**Bażilika ta' Ommna Marija tal-Porto Salvo**, li jieħdu ħsiebha l-Patrijiet Dumnikani, inbniet bejn l-1804 u l-1815 fuq pjanta mħejjija minn Antonio Cachia. Il-knisja li hemm illum inbniet flok oħra aktar qadima li kellha disinn tal-magħruf Ġlormu Cassar. F'din il-knisja naraw il-figura tal-qaddis serafiku fl-apside tal-kappellun li fiha hemm l-artal iddedikat lil San Duminku ta' Guzman. San Franġisk t'Assisi jidher fuq sħaba flimkien ma' San Duminku mdawwar b'għadd ta' anġli fil-preżenza ta' Ġesù Kristu u Ommu Marija u għadd ta' anġli.

Dan hu xogħol ta' l-artist Malti Giuseppe Calì (1846-1930) li kif tixhed irħama li hemm mal-ħajt tal-ġenb ta' din il-knisja, turi li din l-apside hi waħda mill-ħafna xogħlijiet li għandu f'dan it-tempju. Il-ktieb *"G. Calì Centenary Exhibition 1846-1946"* ippubblikat mill-Malta Art Association fl-1946 f'p. 58, jagħti d-data ta' l-1899 għal dan ix-xogħol.

**Il-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu** hi miżgħuda b'għadd ta' opri artistiċi kif ukoll żewġ relikwiji importanti li huma meqjuma f'din il-knisja marbutin mal-ħajja ta' l-Appostlu tal-ġnus. Dawn huma parti mill-kolonna li fuqha jingħad li ħa l-martirju dan l-appostlu kif ukoll id-driegħ tiegħu.

Fost il-kwadri li għandna f'din il-knisja hemm dak ta' San Franġisk t'Assisi li jinsab fil-kappellun iddedikat lil San Gejtanu ta' Thiene. Il-kwadru hu



xogħol Ġużeppi Hyzler (1787-1858) li għandu kwadri oħrajn f'din il-knisja parrokkjali. Tajjeb li ngħidu li dan il-pittur kien il-figura ewlenija tal-moviment tan-Nazzareni f'Malta fis-seklu dsatax flimkien ma' ħuh Vincenzo (1813-1849). Dan il-moviment beda fi Vjenna fis-seklu 19 u bħala reazzjoni



għall-kobor artistiku tal-barokk u rococò mar għall-disinji artistiċi iżjed sempliċi. F'dan il-kwadru, l-artist jippreżentalna lil dan il-qaddis qiegħed għarkubbtejh jirċievi l-pjagi mingħand is-Serafin b'idejh miftuħa. Id-data ta' meta hu maħsub li seta' sar dan il-kwadru mhijiex magħrufa.

Kwadru ieħor ta' San Franġisk t'Assisi jinsab fil-**knisja taċ-Ċirkonċiżjoni ta' Ġesù, fil-Belt Valletta**. Din il-knisja hi aktar magħrufa bħala tal-Ġiżwiti. Dan minħabba l-fatt li ħdejn din il-knisja kien hemm kulleġġ imwaqqaf fit-12 ta' Novembru 1592, li kienu jieħdu ħsiebu dawn il-Patrijiet. Dan il-kulleġġ maż-żmien sar l-Università ta' Malta. Il-knisja għandha rabta speċjali mal-Beatu Nazju Falzon għaliex kien fiha li dan il-beatu Malti wettaq ħidma fejjieda ma' diversi baħrin u suldati barranin li kienu stazzjonati f'dawn il-gżejjer billi għallimhom il-katekiżmu.

Fil-knisja naraw bosta kwadri ta' preġju artistiku fosthom wieħed ta' San Franġisk t'Assisi. Dan jinsab fil-kappella viċin il-bieb li jagħti għal Triq l-Arċisqof li fiha hemm tliet kwadri oħra. Il-kwadru jingħad li hu ta' Giuseppe d'Arena li għandu xogħlijiet oħra f'din il-knisja. Iżda dan mhuwiex ċert. Il-pittur jurina lil dan il-qaddis f'xena li narawha kemm il darba fi kwadri oħra. Hawn għandna lill-fqajjar t'Assisi jitlob quddiem il-Kurċifiss filwaqt li qiegħed jimmedita fuq il-Kelma t'Alla. Fl-isfond naraw wieħed mill-patrijiet sħabu li wkoll jinsab mitluf fit-talb.

**Il-knisja ta' Santa Marija Maddalena** fl-istess belt kapitali fl-1609 saret tagħmel parti minn istituzzjoni mwaqqfa fl-1594 mill-Gran Mastru Verdala u l-Isqof Tommaso Gargallo. F'dan il-post kienu jinżammu xi tfajliet li ma kellhomx dar u familja. Għalhekk il-knisja tkabbret u ngħatat id-dehra li għandha llum. Fi żmien l-Ingliżi din il-kappella flimkien mal-bini li jmiss magħha kienu wżati bħala sptar, iżda fl-1852 dan il-bini beda jservi bħala skola. Għalkemm l-istitut twaqqa' fl-aħħar Gwerra Dinjija bl-attakki ta' l-għadu, il-knisja ma waqgħetx.

Il-kappella ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Fra Paolo Alpheran de Bussan fit-23 ta' Mejju 1748 u mżojna b'ħafna xogħol ta' skultura fil-ġebla Maltija. Fil-prospettiva ta' l-istess knisja tiddomina l-arma ta' l-Ordni Franġiskan minħabba li kienu s-Sorijiet ta' Santa Klara li kienu jmexxu l-istitut fl-1594. Ħdejn il-kwadru titulari hemm ukoll żewġ riljevi tal-ġebel li juru lil Santa Klara qed iżżomm l-isfera f'idejha mdawrha bl-anġli. Fir-riljev l-ieħor hemm San Franġisk li wkoll jinsab imdawwar bl-anġli fuq sħaba. •





# KEITH GREEN



## L-EVANĠELISTA ŻAGĦŻUGĦ

Madwar ħmistax-il sena ilu, ajruplan privat Cessna spiċċa mġarraf ġo bosk u ħa n-nar minnufih. F'dan l-inċident id-dinja tilfet wieħed mill-akbar artisti Nsara, Keith Green, mużiċista u evanġelizzatur Kristjan.

Keith kellu ħmistax-il sena meta telaq mid-dar. Beda jikteb ġo djarju dak kollu li beda jgħaddi minnu fl-avventura mużikali tiegħu u t-tfittxija għall-verità spiritwali. Iż żagħżugħ kellu trobbija fir-reliġjon Lhudija, però kien iħobb jaqra l-Ġdid Testment. Din it-taħlita interessanti ħallietu moħħu miftuħ u bla sodisfazzjon fl-istess ħin. Il-vjaġġ tiegħu laqqgħu mad-droga, ma' mġieba sesswali permissiva, kif ukoll mad-dinja tal-mistiċiżmu orjentali.

Meta kellu dsatax-il sena ltaqa' ma' Melody. Iżżewġu sena wara. Madankollu Keith kien għadu jfittex. Meta kellu wieħed u għoxrin sena sab dak li seta' jimlilu qalbu – beda relazzjoni ma' Ġesù Kristu. Beda jilqa' n-nies ġo daru u jxandrilhom l-Aħbar it-Tajba. Din il-bidla radikali fih ġabet ukoll bidla daqstant radikali fl-istil tal-mużika tiegħu. Minflok ma baqa' ffissat biex isir mużiċist famuż, issa l-kant tiegħu beda jirrifletti s-sejba li kien għamel ta' Ġesù Kristu.

Bħal Ġwanni l-Battista, Keith beda jsejjaħ lill-Insara biex iqumu min-ngħas, jindmu u jgħixu dak li jemmnu. Huwa stess kien jistqarr li kieku l-Insara ma kinux jgħixu ta' wiċċ b'ieħor, kieku kien isibu qabel lil Ġesù. Għax tassew, jekk inti tfaħħar u tadura lil Ġesù b'fommok, imma ħajtek ma tfaħħrux u ma tadurahx, sinjal li hemm xi ħaġa ħażina.

L-iskop ta' Keith issa sar li jħobb lil Ġesù. Is-songs tiegħu bdew joħorġu mit-taqbid spiritwali li kien ikollu. Kien l-ewwelnett jixli lilu nnifsu permezz ta' *lyrics* onesti u diretti – u fl-istess ħin kien jgħaddi messaġġ lin-nies ta' madwaru. Ma kienx raġel perfett, imma kien bil-għatx għall-ħajja awtentika nisranija. Kien sikwit jitlob lill-Ispirtu biex jixlih bi dnubietu u jibdillu 'l qalbu. Matul is-snin beda jsir aktar grat għas-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu fuq is-salib li ħafirlu dnubu u mlieh bl-imħabba.

Flimkien ma' martu Melody Keith waqqaf il-*Last Days Ministries* – li kien mezz ta' *outreach* għall-Insara bħalu. Il-kunċerti li beda jagħmel bdew jiġbdu eluf kbar ta' nies. Qalbu riedet biss togħġob 'l Alla u tibni s-Saltna tiegħu. Fl-aħħar snin ta' ħajtu Keith beda wkoll jamministra lill-ħabsin, lin-nies fit-toroq u f'ħafna nazzjonijiet.

Fit-28 ta' Lulju 1982, reġa' lura għand il-Mulej. Miegħu mietu wkoll tnejn minn uliedu, Josiah u Bethany. Kellu biss 28 sena. Għalkemm miet, il-mużika tiegħu għadha tbiddel il-qlub tan-nies sa llum. Permezz ta' albums bħal *The Ultimate Collection, Your Love Broke Through, The Ministry Years, Oh Lord, You're Beautiful* u *Here am I : Send me*, wieħed jista' jiltaqa' wiċċ imbwiċċ ma' dan iż-żagħżugħ jaqbad bl-imħabba għal Alla. Jekk trid lil Alla jixlik bi dnubek, jekk trid tħoss it-tgħanniqa tal-maħfra tiegħu, jekk trid ixxandar lil Ġesù Kristu, biżżejjed jekk tieqaf ftit u tisma' l-vuċi ta' Keith Green – mużika li tibdlek minn ġewwa. •



# MALTEMP... ĊIKLUNI U URUGANI TROPIKALI



## IL-URUGAN MITCHEL

Jiena fir-rivista "Dawl Franġiskan" Jannar 2002 – Għadd 216, pp 20-21, kont ktibt artiklu li semmejtu: "L-Itwal Lejl Ta' Ħajti", fejn kont qsamt mal-qarrejja l-ewwel esperjenza ta' urugan li għaddejt minnha. Dan kien l-urugan "MITCHEL" li seħħ fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Novembru tas-sena 2001. Jekk wieħed jieħu ftit paċenzja u jfittex dan l-artiklu, li kien ġie ppubblikat ukoll f'xi gazzetti Maltin, mid-diskrizzjoni u l-informazzjoni li tajt fl-istess artiklu jista' jieħu ideja ta' xi jfisser tkun maħkum minn dawn it-tipi ta' fenomeni naturali. Dak in-nhar għalija kien tassew l-itwal lejl ta' ħajti li ħsibt li m'hu se jgħaddi qatt.

## IL-POŻITTIV TAL-KLIMA TROPIKALI

Il-klima tropikali li bħalissa qed ngħix fiha, hija kkaratterizzata mill-eżistenza ta' żewġ staġuni. Hawnhekk jeżistu biss l-istaġun tas-sajf li huwa twil tista' tgħid 8 xhur, bejn Marzu u Ottubru, filwaqt li għandek l-istaġun tax-xitwa li jtawwal għal 4 xhur bejn Novembru u Frar. Is-sajf tropikali f'Kuba meta jkun fl-aqwa tiegħu, speċjalment fix-xhur ta' Lulju u Awissu, huwa bħal dak ta' Malta fejn it-temperatura titla' għal 33 jew 35 grad Ċ. Sħana umda b'xemx tikwi, iżda mal-lejl taqa' żiffa kiesħa u tagħmel ħafna xita. Fix-xitwa t-temperatura rari tinżel taħt l-10 gradi Ċ. Għalina l-Ewropej ma hija xitwa xejn. Jiena nibqa' tista' tgħid is-sena kollha bil-ħwejjeġ tas-sajf. Rari f'xi ġranet bejn Diċembru u Frar filgħaxija bil-lejl nilbes ħwejjeġ tax-xitwa. Iżda mal-lejl jaqa' l-ksieħ li biex wieħed jorqod irid juża l-kutri.

Diġà ili sitt snin ngħix f'dan l-ambjent tropikali. Ngħid bis-sinċerità kollha li bħala ambjent jaffaxxinani. Laqatni mal-ewwel. U nista' ngħid li għinni wkoll f'saħħti. Sabiex insemmi eżempju wieħed: fis-snin ta' ħajti f'Malta kważi kull xitwa, għal Diċembru jew Jannar, kienet taħkimni nfluwenza bid-deni u sogħla qawwija. Hawnhekk, f'sitt snin sħaħ, ma nafx x'inhi influwenza. Il-klima tropikali jista' jkun li sakemm tidraha, wara li tkun ġej minn snin twal tgħix fi klima Mediterranja, iddum xi ftit. Imma meta l-ġisem jidra tassew issaħħrek bis-sbuħija tiegħu. Hija klima ferm differenti minn tagħna. Jekk fis-sajf ta' Malta tagħmel xi ftit xita ngħidu li tkun eċċezzjoni kbira. Infatti meta rridu nfissru lilna nfusna quddiem xi ħaġa rari bil-Malti ngħidu: "bħal sajjetta fil-bnazzi"... speċjalment il-bnazzi tax-xhur tas-sajf. Hawnhekk kollox il-kuntrarju. Ix-xhur tax-xita huma x-xhur tas-sajf bejn Ġunju u Settembru. Xita kuljum... għalkemm kull ma tagħmel huwa tul ta' siegħa iżda kuljum.
U kuljum fl-istess ħin... biex ingħid hekk b'appuntament. Ġioli jkollok xahar sħiħ meta x-xita kull jum tinżel fis-6 ta' filgħaxija. U kif tagħmel! Filli għandek bnazzi b'xemx tiżreġ, filli fi kwistjoni ta' 10 minuti tibda nieżla xita bil-qliel. Mn'Alla huwa hekk għax l-istess xita tiffriska l-arja sħuna.

Xi ħaġa oħra li ssaħħrek fi klima tropikali hija li l-kampanja tibqa' tħaddar is-sena kollha. Ngħid għalija, nitkellem minni nnifsi li sifirt u żort diversi pajjiżi, il-kampanja Kubana b'dawk is-siġar tal-palm telgħin fil-għoli u bil-ħdura li toffri hija xi ħaġa li issaħħarni. Nitkellmu minn Malta, matul ix-xhur tas-sajf għandek nixfa enormi fejn ikun diffiċli tiltaqa' ma' roqgħa ħdura fil-kampanja Maltija. Imma f'Kuba, fejn għandna klima semi-tropikali, għalkemm għalina l-Ewropej toffri klima ta' sajf is-sena kollha (kif isejħulu t-turisti: *eterno verano*) il-kampanja tibqa' dejjem tħaddar. Għalkemm tagħmel is-sħana u għandek żmien fejn is-sħana tkun msieħba minn umdità għolja, iżda dik iż-żiffa ħelwa u friska, speċjalment mal-lejl, ma tonqosx. Mhux għal xejn it-turisti li jiġu minn pajjiżi ffriżati fix-xitwa jew sħan jikwu fis-sajf, lil Kuba jsibuħa bħala "ġenna fl-art".



U xi ngħidu għall-frott? Veru li kultant tiġini n-nostalġija għal xi frotta li f'Malta nsibuha imma hawnhekk le bħalma hija t-tuffieħa. Imma jekk hawnhekk tonqosna t-tuffieħa, hawn frott ieħor li jagħmel tajjeb għaliha. Frott bl-abbundanza u s-sena kollha. Frott b'ħafna vitamini tajbin għas-saħħa. U xi ngħidu għax-xarbiet u l-ħelu li l-Kubani kapaċi jagħmlu mill-frott? Tmur iżżur marid f'xi dar stenna li mal-kikkra kafé li joffrulek se jippreżentawlek ukoll xi xarba friska magħmula mill-frott ta' l-istaġun jew xi ħelu magħmul mill-istess frott. •

# Kariżma Franġiskana
# QDUSIJA FROTT IL-BIDLA U L-PENITENZA


Santa Klara

### PENITENTI FRANĠISKANI AWTENTIĊI

Aħna u niflu l-penitenza misjuba fl-istorja tal-ħajja Minoritika, ikollna mmorru lura ħafna fiż-żmien sa ma naslu fi żmien il-fundatur ta' l-Ordni nnifsu. B'obbligu jkollna bilfors niltaqgħu ma' l-ewwel bint spiritwali tiegħu, **SANTA KLARA** (1193-1253) li mqanqla mill-eżempji ta' missierha San Franġisk kienet issum billi ma tieħu xejn fil-jiem bil-fard tal-ġimgħa, tilbes ilbies żmattat u jxewwek u flok mħadda tuża ġebla tax-xmara. Fl-istess perjodu li fih għexet din, għandna wieħed mill-ewwel sħab ta' San Franġisk, **IL-BEATU EĠIDJU MINN ASSISI** li mistoqsi għaliex kien jagħmel tant għemejjel ta' penitenza, wieġeb: "ġisimna jixbah lil belt il-kbira Musulmana Baghdad, li minħabba fiha l-insara jeħtiġilhom ikunu dejjem armati". Iżda forsi l-aktar li jinteressa lill-qarrejja ta' din il-paġna hu **SAN LUDOVIKU IX, SULTAN TA' FRANZA** (1214 - 1270) ko-patrun ta' l-O.F.S. flimkien ma' Santa Elizabetta. Għalkemm legalment qatt ma għamel parti mit-Terz'Ordni, xorta waħda kien iħobbu mmens, iħarsu u jibbenefikah. Bħall-membri tiegħu ta' dak iż-żmien (Aħwa Rġiel u Nisa tal-Penitenza), hu kien jitlob bil-Liturġija tas-Sigħat kuljum, iqerr u jagħmel id-dixxiplina kull nhar ta' ġimgħa, isum bir-reqqa fl-Avvent u fir-Randan jiċħad għall-ewwel frotta ta' l-istaġun; jitma' minn butu aktar minn mitt fqir kuljum, iservihom mal-mejda u jaħslilhom riġlejhom. Inventur tal-benefiċċji soċjali, mhux mill-kaxxa ta' Franza iżda minn flusu u ġidu, iben denn tal-penitent ta' Assisi u qaddis lajk mera u xempju għall-Ordni Franġiskan Sekular. **SAN PIETRU MINN ALCANTARA** (1499-1562) kampjun ta' penitenza xejn komuni. Għal tnejn u erbgħin sena sħaħ ma kienx jorqod aktar minn siegħa u nofs kuljum. Meta kien jorqod, f'kamra twila biss erba' piedi u nofs, ilbiesu kien biss labtu wieħed ta' drapp oħxon, dejjem ħafi, jiekol kull tlett ijiem u xi drabi darba fil-ġimgħa biss għax spiss kien jinħataf f'estasi waqt it-talb u kien iżomm għajnejh dejjem baxxi lejn l-art. Din it-tbatija għal żmien limitat sarrafha fi tgawdija dejjiema. Hekk qalilha lil Santa Tereża ta' Ġesù wara mewtu: "O hienja penitenza li mmeritatli tant glorja". Nispiċċa b'**SANTA VERONIKA GIULIANI** (1660-1727), Klarissa Kapuċċina dejjem għatxana li tissieħeb ma' ġesù fi tbatijietu. Id-djarju ta' ħajjitha, miktub għax imġiegħla mid-direttur spiritwali, hu mizgħud bi kliem ripetut fuq slaleb, penitenzi u tbatijiet tal-ġisem u tar-ruħ li ma jitwemmnux. "Fis-silenzju ma kontx nisma' għajr leħen ġewwieni jħajjarni ħa nbati. Imma l-eħrex tbatija kienet tkun dik li ma nħoss xejn jien u naħqar lil ġismi" (Djarju S.V.G. 1:430). Il-quċċata tas-sofferenzi tagħha kien il-lejl tal-5 t'April 1697, meta rċeviet il-marki tal-ġrieħi ta' Ġesù f'ġisimha. "F'dehra ilmaħt lil Ġesù msallab u fost uġigħ u mħabba, ħassejt lill-ħames raġġi ta' dawl itaqqbuli jdejja, riġlejja u ġenbi." Din ix-xbiha fidila ta' missierha San Franġisk u bħalu stigmatizzata, baqgħet tfaħħar u tgħolli s-salib u t-tbatijiet sa ma mietet; anzi kienet titlob 'l Alla għomor twil ħalli jkollha ċans issofri iżjed. (Djarju S.V.G. 206 u 234).


Il-Beatu Eġidju


San Ludoviku


Santa veronika Giuliani

### Għeluq

Imqanqlin minn dawn il-qaddisin penitenti Franġiskani, imma bla ma naspiraw li nsiru nixbhuhom fil-ħruxija ta' penitenzi li għamlu, għandna nindunaw kemm għadna 'l bogħod mill-kmand evanġeliku applikabbli għal kulħadd: "Min irid jiġi warajja, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja" (Lq 9, 23). U dan il gwaj ġej mill fatt li flok ma niċċaħħad minn kelma, ħarsa jew xewqa nippreferi nibqa' nfissed lili nnifsi u lil ġismi; u flok nilqa' kmand, rimarka jew ċmoss bil-ħlewwa u bl-umiltà, nagħżel iżjed li nagħmel ta' rasi. •






# Ix-Xabla u t-Tarka



Nilqagħkom għal dan l-ewwel artiklu f'din is-sensiela dwar is-saħħa. Kontribuzzjonijiet bħal dawn dwar is-saħħa huma komuni ħafna, u hawn ġurnali li jibbażaw il-popolarità tagħhom proprju fuq stejjer li jirrakkontaw xi nies li jkunu għaddew minn xi esperjenza, ħafna drabi kerha, li għandha x'taqsam mas-saħħa tagħhom jew ta' xi membru tal-familja. F'oħrajn, bħal fil-każ tagħna, ikun hemm professjonisti, ġeneralment tabib li jittratta suġġett partikulari.

## Is-saħħa do-it-yourself?

Ħafna drabi, is-suġġetti jiġu diskussi fil-qasir ħafna, mingħajr profondità. Dan l-iktar għal raġunijiet ta' spazju. Dan it-tagħrif jingħata biex l-individwu jifhem is-suġġett fuq fuq. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-qarrejja ma jkollhomx il-*background* fis-suġġett, ikun hemm ir-riskju li qarrej ma jifhimx kompletament, jew inkella jifhem ħażin. Faċli ħafna li jinterpreta ħażin ċerta informazzjoni u jaħseb li dak li hemm miktub jirreferi għalih jew għaliha. Dan jissejjaħ *self-diagnosis*, fejn wieħed jaħseb li qiegħed isofri minn marda jew kundizzjoni, ibbażat fuq dak li jkun qara jew sama'.

Dan jista' jġib ċerti sitwazzjonijiet: wieħed jista' jdaħħalha f'rasu li għandu xi marda li mhux se jfieq minnha, li se jmut dalwaqt, li issa m'hux se jgawdi l-ħajja iktar. Jista' jiġri wkoll li tibda tinkwieta fuq xi ħadd tal-familja u tassoċja dak li taqra ma dak li tkun qed tosserva jew tisma' f'dak l-individwu.

L-iktar ħaġa importanti hi li jekk jiġri dan, ma għandekx tieqaf hemmhekk. Illum hawn ħafna sorsi ta' informazzjoni bħal enċiklopediji, CD-ROMs fuq is-saħħa tal-familja u anki l-internet. Minn dawn is-sorsi tista' tidħol iktar fil-fond fis-suġġett li jinteressak. Importanti li tara li l-għajn ta' l-informazzjoni tkun waħda professjonali, u dan speċjalment meta nitkellmu fuq l-internet, għax ikun hemm *sites* li jistgħu jtuk informazzjoni mhux korretta. Fl-aħħar mill-aħħar, għandek tirrikorri għand it-tabib tiegħek sabiex tiddiskuti dak li jkun qiegħed jinkwetak. It-tabib huwa professjonist li bl-esperjenza tiegħu jista' jiċċaralek dawn id-diffikultajiet, kemm billi tiddeskrivi s-sintomi tiegħek u wara jeżaminak, kif ukoll forsi b'xi testijiet li jista' jissuġġerilek.

Is-saħħa f'dan is-sens m'hijiex *do-it-yourself*. Ma hemm ebda benefiċċju għal saħħtek billi taqra dawn it-tip ta' artikli u tikkonkludi int stess id-dijanjożi fuq saħħtek jew fuq saħħet ħaddieħor. Il-ġid li jista' joħroġ minn dawn il-kolonni huwa li jġiegħlek taħseb u tikseb iktar informazzjoni biex wara tkun tista' tiddiskuti mat-tabib.

Mill-banda l-oħra, hemm aspetti fil-ħarsien tas-saħħa li huma *do-it-yourself*. Hawnhekk nidħlu



fil-qasam tal-prevenzjoni, u hawn huwa fejn l-iktar hu mportanti l-inizjattiva ta' l-individwu. Per eżempju importanti tiekol ikel li ma jagħmillekx ħsara, kif ukoll tagħmel eżerċizzju f'waqtu, tevita x-xorb żejjed u t-tipjip. Importanti ħafna l-ħarsien mill-periklu, dik li nsejħulha salvezza (*safety*), għax b'nuqqas ta' ħsieb tista' tweġġa' u titlef saħħtek. Dawn huma affarijiet li wieħed jista' jagħmel huwa stess bi ftit flus, b'xejn jew saħansitra tiffranka (bħal meta tieqaf tpejjep), imma li jsarrfu f'saħħa li ebda intervent ieħor ma jista' jtik.

Nittama li niltaqgħu regolari minn dawn il-paġni, minn fejn se jkollna okkażjoni nitkellmu fuq ħafna suġġetti interessanti. Sadanittant nixtiqilkom is-saħħa. •





**Muħammad, dak li xandar l-Islam, huwa frott iż-żwieġ ta' 'Adb Allah, missieru, u Amina, ommu. Aktarx li twieled għall-ħabta tas-sena 570 w.K.**

Is-Sura 105 tal-Qur'an Karim issemmi ġrajja li seħħet fl-istess sena li fiha twieled Muħammad, imsejħa mill-kittieba ta' l-istorja bħala *s-Sena ta' l-Iljunfant*. Ġara li n-nies ta' l-Etjopja u tal-Yemen, li kienu saltna waħda, immexxija minn Abraħa, mexxej Nisrani, fettillhom jaħbtu għal Makka biex jeqirdu l-Ka'ba , maqdes ta' l-allat foloz. Biex setgħu jagħmlu dan, ġew użati l-iljunfanti. Il-Qur'an jgħid li kif Abraħa bin-nies tiegħu waslu Makka, ***"tjur bil-qtajjiet, xeħtu fuqhom ħaġar tal-fuħħar"*** (v. 4), u b'hekk l-attakk li kellu jsir falla.

Din il-ġrajja hija meqjusa bħala waħda mill-għeġubijiet, flimkien ma' ġrajjiet oħra li ġraw fis-sema u fl-art, u li fihom il-musulmani jaqraw sinjali għat-twelid ta' bniedem kbir, jiġifieri t-twelid ta' Muħammad. Ħajjet Muħammad, minn kmieni, kienet waħda ta' niket. Huwa safa' ltim minn missieru, li miet ftit qabel it-twelid tiegħu, u minn ommu, li mietet qabel ma kellu sitt snin. Din mietet waqt vjaġġ li kienet qiegħda tagħmel, aktarx fuq waħda miż-żjarat tagħha lill-qraba minn Makka għal Medina fejn kienet twieldet.

Għall-ewwel ħa ħsiebu nannuh, 'Abd al-Mut .t.alib, sakemm dan miet. Imbagħad, mar joqgħod ma' zijuħ Abu T.alib li kien bniedem tan-negozju. Dan beda jdarrieh fix-xogħol minn kmieni, billi kien jieħdu miegħu fil-vjaġġi li kien jagħmel minħabba fin-negozju tiegħu. Dawn il-vjaġġi ġabu lil Muħammad f'kuntatt ma' nies oħra, kulturi, u twemmin ieħor, li ħallew l-effett tagħhom fuqu.

Meta kellu madwar 25 sena Muħammad ġie mpjegat minn waħda armla negozjanta biex jeħdilha ħsieb l-amministrazzjoni tal-ġid tagħha. Din il-mara kien jisimha Hadiġa.

# MUHAMMAD





Bil-mod il-mod, Muħammad kiseb il-fiduċja ta' Hadiġa minħabba l-ħidma tiegħu u l-għaqal li wera, hekk li saħansitra talbitu jiżżewwiġha. Anki, jekk huwa minnu, hi kienet ħmistax-il sena akbar minnu.

Iż-żwieġ tagħhom kien wieħed hieni. Hadiġa mhux biss wellditlu żewġ subien, u tatu erbat ibniet: Zajnab, Ruqajja, Umm Kultum u Fat ima, l-aktar bint li kien iħobb, imma wkoll tatu isem u għamlitu magħruf u għani. Minħabba fiha, hu sar wieħed mill-aqwa nies ta' Makka. Minħabba li kien wera li hu bniedem galantom u ta' min jorbot fuqu, laqmuh: al-Amin, il-fidil.

Fuq ix-xhieda ta' sħabu, Muħammad kien iħobb kultant żmien jitwarrab fuq il-għolja Ħira qrib Makka. Hemmhekk kien joqgħod jitlob u jaħseb fuq il-qagħda reliġjuża ta' niesu. Hu kien beda bħallikieku jħoss li Alla għażlu biex ikun il-mibgħut tiegħu għal niesu. Kien jaf kemm il-Lhud u kemm l-Insara kienu jemmnu li Alla hu wieħed u m'hemmx ieħor għajru. Għalhekk ra kemm kienu mqarrqin niesu meta kienu jqimu ħafna allat li ma jeżistux ħlief fit-tnaqqix tal-ġebel. Jingħad li darba, għall-ħabta tas-sena 610, waqt li Muħammad kien waħdu fuq il-għolja, deherlu l-anġlu Gabrijel u tah l-ewwel taħbira mnebbħa. Minn hawn tibda r-rivelazzjoni ta' l-Islam.

Muħammad reġa' lura lejn daru mbeżża' minn dak li għadda minnu dak in-nhar. Huwa tkellem ma' martu Hadiġa u ma' kuġinuh Waraqa bin Nawfal, li għamlulu l-qalb u tawh il-fiduċja tagħhom.

Sentejn wara reġa' kellu esperjenza 'spiritwali' oħra. Din id-darba ġie mwissi biex ma jgħaġġilx ixandar dak li ġie muri lilu. Għalhekk hu tkellem ma' ftit minn qrabatu fuq dawn il-ħwejjeġ. Dawn bdew jitgħallmuhom bl-amment, imbagħad ġabruhom biex b'hekk sawru dak li llum jitqies bħala l-ktieb imqaddes tal-Musulmani, il-Qur'an. Il-Qur'an jagħraf lil Muħammad bħala mibgħut. Hekk fis-Sura 3, "Dar 'Imran", naqraw li ***"Muħammad mhu xejn jekk mhux mibgħut" (144). L-istess is-Sura 33, "It-Tribujiet", naqraw "Muħammad m'hu missier ta' ħadd mill-irġiel tagħkom, iżd'huwa l-mibgħut t'Alla u ħatem il-profeti"*** (40).

Għalhekk, skond id-duttrina islamika, Muħammad mhuwiex biss mibgħut (S.48,9), imma wkoll ħatem il-profeti. Dan ifisser li hu l-aħħar mibgħut u profeta li ġie fid-dinja b'messaġġ minn Alla, il-Qur'an. Hekk li warajh ma jista' jiġi ħadd iktar b'xi rivelazzjoni.

Dan it-twemmin ġdid li Muħammad beda jxandar, ma setax ma jġibx miegħu taqlib soċjali, reliġjuż, ekonomiku. Dawk li kellhom interess iżommu l-qagħda kif kienet ħaduha qatta bla ħabel ma' Muħammad u d-dixxipli tiegħu. Għall-ewwel kienu bdew jgħadduh biż-żmien, iżda mbagħad, meta raw li hu baqa' tal-fehma u li kienu ħafna dawk li bdew jingħaqdu miegħu, nies ta' ċerta fama, qajmu gwerra sħiħa kontra tiegħu u l-moviment madwaru. Il-qiegħa tant saħnet li wħud mid-dixxipli tiegħu, fis-sena 616, kellhom jaħarbu lejn l-Abissinja. Kienet bħal gwerra ċivili illi fiha dawn il-Musulmani qatt ma attakkaw iżda dejjem iddefendew irwieħhom. Is-sena 619 kienet waħda ta' luttu kbir għal Muħammad. Huwa sofra l-mewt, l-ewwel ta' żijuh Abu Talib, u daqs xahar wara, dik ta' l-għażiża martu Hadiġa. Kienu ilhom miżżewġin sittax-il sena u kienet l-aktar mara li qatt ħabb.

Imma f'dan iż-żmien mhux kollox kien ikreh jew kontra tiegħu. Għax dan huwa ż-żmien li fih beda jkollu 'esperjenzi mistiċi'. Lejla minnhom, Muħammad kellu dehra li fiha, imħares mill-anġlu tal-Mulej, inġarr mill-Ka'ba f'Mekka, lejn it-Tempju ta' Ġerusalemm, minn fejn ittella' sas-seba' sema fejn jgħammar Alla. Fil-Qur'an din il-ġrajja tissemma ħatif ħafif fis-sura 17, "Is-Safra Lejlija", v.1-

Ġrajja importanti ħafna fil-ħajja ta' Muħammad u fl-istorja ta' l-Islam, hija li xi tribujiet Għarab li kienu joqogħdu fil-belt ta' Jatrib, qrib Makka, talbuh jagħmilha ta' medjatur fi kwestjonijiet li nqalgħu bejnhom u bejn il-Lhud li kienu joqogħdu fl-istess belt.

Muħammad u ħafna mid-dixxipli tiegħu marru miegħu. Aktar tard, Jatrib bdiet tissejjaħ al-Madina. Dan il-pass jissejjaħ al-hiġra, li tfisser "il-ħruġ". Muħammad u d-dixxipli tiegħu ħarġu bil-ħsieb li ma jerġgħux lura. Bil-hiġra jibda l-kalendarju islamiku. Tul dan iż-żmien mhux kollox kien ward u żgħar, sakemm għadda żmien biżżejjed meta hu daħal rebbieħ mingħajr ħtieġa li jiġġieled f'Makka. Din kienet is-sena 630.

L-ewwel ma għamel kien li naddaf il-Ka'ba mill-idoli, u bidilha f'post ta' pellegrinaġġ fejn tingħata qima lil Alla Wieħed. Sentejn wara, fis-sena 632, mexxa pellegrinaġġ lejn Makka li kellu jkun l-aħħar wieħed tiegħu hemmhekk. Lura lejn al-Madina huwa marad u miet f'Ġunju ta' l-istess sena.



# XI TFISSER IL-MAĦFRA GĦALINA L-INSARA?



**Il-kelma maħfra ma tfissirx biss sempliċiment tgħid *sorry* lil min offendik iżda skond it-tagħlim t'Alla l-maħfra hi wegħda minn min kien offiż li lest li jinsa u ma jerġax jagħmel id-dnub. F'kelma waħda n-nuqqasijiet kollha ta' bejnietna tħassru darba għal dejjem. David jikteb "Hieni min ħtijietu maħfura, min dnubu mistur. Hieni l-bniedem li l-Mulej ma jgħoddlu ebda ħtija" (Salmi 32:1-2)**

Min jaf kemm-il darba jinqala' l-inkwiet fuq sempliċiment nuqqas ta' ftehim. Pereżempju kwistjonijiet ma' tal-familja, piki bejn il-ħbieb jew mal-kollegi tiegħek tax-xogħol. Hija ħaġa normali li l-Insara jidinbu kontra Alla u joffendu lill-oħrajn għax huma dgħajfa. Iżda l-Iskrittura tħeġġiġna biex naħfru lil xulxin: "Aħfru lil xulxin, bħalma ħafrilkom Alla fi Kristu". Madankollu rridu nammettu li mhux dejjem isir hekk. Sikwit aħna l-bnedmin ma nammettux it-tort, nissuppervjaw u nwebbsu rasna, ninjoraw totalment it-tagħlim t'Alla u nibqgħu nżommu f'qalbna għal xulxin.

Xi wħud ma jaħfrux forsi minħabba li jaqtgħu qalbhom, forsi jaħsbu li s-sitwazzjoni li qegħdin fiha impossibbli, iżda bl-għajnuna t'Alla biss jsitgħu jaslu. Kemm-il darba kull wieħed u waħda minna konna mweġġa' minn xi ħadd li jkun qrib tagħna jew minn xi ħadd li fdajna fih! Tisma' xi nies jgħidu: kif nista' naħfirlu jekk għadni nħossni rrabjat u mweġġa'? Iva tista'! Hekk għallimna Ġesù permezz tal-Missierna, "Afħrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina". Ta' min jinnota li min ma jridx jaħfer, mhux Alla jkun li ma jkunx jrid jaħfirlu, iżda jkun huwa nnifsu li qed jagħlaq qalbu għall-maħfra t'Alla. Allura importanti li nfittxu mill-aktar fis possibbli li navviċinaw lil xulxin u nistqarru ħtijietna allavojla forsi m'għandnix tort.

Xi nies jgħidu: "naħfer iva, iżda mhux faċli li ninsa". Ma niskantax jekk nibqgħu minn żmien għal ieħor niftakru l-weġgħat tal-passat u nibqgħu naħsbu fuqhom. Feriti tal-passat ma jfiqux mil-lum għall-għada. Lanqas trid tistenna liż-żmien inissi. Iż-żmien waħdu ma jġibx maħfra, iżda jista' jkattar iktar bruda u apatija bejnietna. Nammetti wkoll li mhux faċli li terġa' tafda u tibni ħbiberija ġdida ma' xi ħadd wara li jkun offendik.

Għalhekk meta jiġrilna hekk għandna nduru lejn Alla biex bl-għajnuna tiegħu jgħinna nżommu l-wegħda u nibnu mill-ġdid ħbiberija ġdida minkejja d-dubji u l-memorji koroh. •



LEJN ALLA BL-ISPORT (10)

# ĦADD M'HU MAĦLUQ GĦALIH INNIFSU

**Meta J. Drever iddefinixxa l-isport huwa qal li "l-iSport huwa organizzazzjoni dinamika ta' kwalitajiet fiżiċi, mentali u soċjali". Fil-ħajja sportiva dawn l-attributi huma ta' siwi kbir għax ma tistax tipprattika sport jekk ma tkunx fiżikament, mentalment u soċjalment addatat għall-isport li trid tipprattika. L-isport jirrekjedi ġisem b'saħħtu, moħħ li kapaċi jaħseb u jiddeċiedi, u karattru soċjali biex tikkompeti ma' ħaddieħor. Dawn il-kwalitajiet nistgħu napplikawhom fi triqtna lejn Alla.**

Meta Alla ħalaqna tana ġisem biex naħdmu, moħħ biex nippjanaw u poġġiena f'soċjetà biex ngħinu lil xulxin. Ma ħalaqniex biex nieklu u norqdu biss, imma riedna li nagħmlu ħilitna biex nikkoperaw miegħu fit-tmexxija tal-ħolqien. Iridna nużaw il-kapaċitajiet tagħna biex ngħinu lil kulħadd jikseb dak li ħalaqna għalih, jiġifieri li mmorru ngawduh wara din il-ħajja. It-talenti li nipposiedu huma mezz biex intejbu l-qagħda tagħna u ta' dawk ta' madwarna. Jekk dawn il-kwalitajiet ma nagħmlux użu tajjeb minnhom inkunu rridu nagħtu kont tagħhom. Il-parabbola tat-talenti kulħadd jafha; min kien għażżien u ma għamel xejn biex ikattarhom ġie mċanfar u min għażel li jaħdem biex iżidhom gie mfaħħar.

Kull bniedem għandu xi talent. Min hu kapaċi jaħdem b'idu, min biex jikteb, min biex ipinġi jew għandu talent mużikali, min biex imexxi lil ħaddieħor. Ħadd m'hu għar-rimi għax kulħadd hu importanti għas-soċjetà li jgħix fiha. L uniku ntopp li ħafna jsibu hu l-għażż. Min hu għażżien isib kull xorta ta' skuża biex jaħrab mix-xogħol. It-talenti li tana Alla huma l-mezz biex insebħu ħajjitna u ngħixu aktar ferħana fis-soċjetà li nkunu fiha. Niftakar darba kont wara missieri fil-marċ tal-festa tal-belt tiegħi. Kien idoqq il-kornu u kien mużiċista tajjeb u jieħu interess kbir fil-mużika. Meta morna d-dar staqsejtu għaliex kien għażel il-kornu u mhux is-saxafon, strument aktar pjaċevoli għall-widna. Ir-risposta tiegħu kienet li kieku kulħadd idoqq l-istrument li nħobb jien kieku ma jkunx hemm melodija u l-pjaċir tal mużika jintilef. Missieri għallimni li kull strument hu importanti biex tinħoloq mużika tajba. Hekk ukoll hemm bżonn fis-soċjetà li jkun hemm nies b'abilitajiet differenti biex ħajjitna ma tkunx monotona u kulħadd jieħu pjaċir jgħix il-ħajja li tana Alla. Min jaf kieku d-dinja kienet mimlija biss bil-bnedmin u ma kienx hemm siġar, fjuri, annimali kbar u żgħar, baħar u ħut ta' kull daqs u kwalità. Min jaf kieku ma kienx hemm dawk l-għasafar ta' kull tip li jpaxxu l-widna bl-għana tagħhom. Anki dawk l-għasafar li aħna nsejħulhom koroh u l-ħoss tagħhom mhux daqshekk sabiħ jgħinu biex joħolqu l-melodija tal-ħajja. Kieku kulħadd kien elektrixin, min kien jibnilna d-dar fejn noqogħdu? Kieku kulħadd kien Prim Ministru fejn kienu jkunu n-nies li jrid imexxi, lil min ikun irid jikkmanda?

It-talentl Il tana Alla rrldu nlkkultlvawhom u kemm jista' jkun nużawhom u mhux naħbuhom. Ħafna forsi jaħsbu li jkunu umli jekk ma jurux il-kapaċitajiet tagħhom. Din umiltà falza għax jekk Alla tana kapaċitajiet tahomlna biex nużahom għall-ġid tas-soċjetà. Kulħadd hu importanti għal ħaddieħor u ma nistgħux insorrħu moħħna li nistgħu ngħixu biss għalina nfusna. **"No man is an Island".** •



# L-Isqof umli li ħabb ħafna sal-mewt

minn Mons. Alwiġ Deguara, Viċi Postolatur

**Emanuel Galea, tfajjel li twieled l-Isla fl-10 ta' Marzu 1891, kien ġej minn familja tal-ħaddiema. Missieru Ġużeppi kien ħaddiem tat-Tarzna u miet meta Emanuel kien għad għandu 15-il sena; ommu Carmela kienet mara tad-dar li ħadet ħsieb 'l uliedha b'għożża liema bħalha u rabbiet ma' wliedha tlett itfal oħra, ulied il-kuġina tagħha.**

Emanuel kien iż-żgħir, kellu erba' ħutu oħra, tlieta minnhom saru saċerdoti u t-tnejn l-oħra, Ġużeppa żżewġet u Ġiovanna baqgħet tgħin lil ommha u tieħu ħsieb ħutha.

Wara li mar l-iskola tat-tfal iż-żgħar fl-Isla, daħal il-Liċeo u wera minn kmieni li kien intelliġenti ħafna; iċ-ċertifikati juru li kien minn ta' quddiemnett f'diversi suġġetti. Daħal imbagħad l-Università bil-ħsieb li jsir qassis bħal ħuh il-kbir, Salvatore. Baqa' joqgħod id-dar (dak iż-żmien setgħu jagħmlu hekk bil-permess tas-Superjuri); hawnhekk l-Arċipriet kien għamillu ċertifikat mill-isbaħ u stqarr li kien ġuvni miġbur ħafna u kien diġà beda jgħallem id-duttrina lit-tfal tal-Preċett. Ma tantx seta' jħallas il-miżata tas-Seminarju u ta' l-Università. Kien bla missier u ħuh Franġisk kien daħal is-Seminarju wkoll, qablu. Fl-istudji ta' l-Università kien dejjem l-ewwel wieħed u spiċċa l-kors ta' l-istudji tat-Teoloġija bl-unuri kollha u rebaħ borża ta' studju ta' Lm120 li biha aktar 'il quddiem seta' jsiefer Ruma u jkompli l-istudji tiegħu fil-Liġi tal-Knisja. Sar saċerdot flimkien ma' ħuh Franġisk fit-18 ta' Diċembru 1915. Beda mill-ewwel il-ħidma pastorali fl-Isla billi kien mill-aktar regolari fil-qrar, fit-tagħlim tad-duttrina bħala Direttur ta' l-Istitut tad-duttrina fil-Knisja ta' San Ġiljan, l-Isla; u minħabba li sar prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, ħadem ħafna biex ixerred fost il-familji kollha d-devozzjoni tar-Rużarju ta' kuljum. Sar ukoll Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata ta' l-Isla.



Malli spiċċat il-gwerra ħaseb biex imur Ruma, daħal fil-Kulleġġ Ingliż u kien jistudja fl-Università Gregorjana. Wara sentejn ħa l-Lawrja u reġa' lura Malta biex ikompli l-ħidma tiegħu fil-parroċċa. Din id-darba, flimkien mar-rabtiet li kellu fl-Isla, kien joqgħod Ħal Tarxien fejn ħuh kien sar kappillan, u l-familja kollha kienet marret toqgħod miegħu sal-1935, sakemm miet Dun Salvatore. L-Arċisqof Caruana ħatru mill-ewwel Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju; hawn wera d-dedikazzjoni sħiħa tiegħu għas-Seminaristi kollha, kbar u żgħar, li kien jarahom kuljum filgħaxija biex jgħinhom fl-istudju fejn kien ikollhom bżonn. Fl-istess ħin kien il-Professur tal-Latin u ġieli għamilha ta' Viċi Rettur.

Fis-sena 1930 kien maħtur Professur tal-Liġi tal-Knisja fl-Università ta' Malta u l-Arċisqof Caruana f'dik is-sena ħatru wkoll Segretarju Ġenerali fil-Kurja; kien diġà Difensor Vincoli minflok l-Isqof Gonzi li sar Isqof ta' Għawdex fl-1924. Kellu karigi oħra fil Kurja, fosthom Segretarju tal-Kummissjoni għall-Foqra. F'dan l-istess żmien l-Arċisqof ħatru Kanonku Teologu tal-Katidral bid-dmir li jispjega l-Iskrittura f'San Ġwann.



Ftit taż-żmien wara, l-Arċisqof għażlu biex ikun id-direttur ta' l-Istitut Ġesù Nazzarenu taż-Żejtun wara l-mewt għall-għarrieda tal-Qaddej ta' Alla, Mons. Ġużeppi Depiro. Meta l-Arċisqof Caruana kien kiber ħafna u kien ukoll jimrad ta' spiss, huwa ħass il-bżonn li jkollu min jaqsam miegħu t-tmexxija tad-djoċesi u hu stess irrakkomandah lill-Papa Piju XII biex jaħtru Isqof Titulari u Awżiljarju ta' Malta. Mons. Emanuel Galea ġie kkonsagrat isqof fil Katidral ta' l Imdina fl eqqel ġranet tal gwerra fil-5 ta' Lulju 1942. Mill-ewwel l-Arċisqof ħatru Vigarju Ġenerali.

Malli l-Arċisqof Gonzi ħa l-pussess tad-Djoċesi ta' Malta huwa kkonfermah fl-istess karigi li kellu u baqgħu jgħixu flimkien sal-ġurnata tal-21 t'Awissu 1974, meta l-Isqof Galea miet fl-isptar San Luqa wara marda ta' jumejn. Il ġisem tiegħu ndifen fiċ-ċimiterju magħruf bħala ta' San Girgor fiż-Żejtun wara li sarlu funeral mill-akbar fil-konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. L-Arċisqof Gonzi kien imsaħħar wara l-għerf u l-qdusija, il-fedeltà u l-imħabba kbira tiegħu u f'Jannar ta' wara ta l-permess li tibda tingħad it-talba għall-glorifikazzjoni tiegħu.



L-Arċisqof Mercieca ħaseb biex il-fdalijiet tiegħu jiġu trasferiti għall-kappella ta' l-Istitut Ġesù Nazzarenu li l-Isqof Galea kien bena u ħadem fiha bla waqfien mill-konfessjonarju, mingħajr ma ħalla qatt l-iżgħar okkażjoni biex imur jippriedka f'kull okkażjoni fil-parroċċi kollha ta' Malta u fil-kunventi tar-reliġjużi.

L-insara kollha Maltin għandhom jitħeġġu iżjed biex imorru f'pellegrinaġġi u jitolbu fuq il-qabar tiegħu ħalli l-Mulej Alla jigglorifikah u l-Knisja tagħraf l-ewwel isqof Malti bħala beatu. •

# Patri Crispin Tabone OFMCap



**Naf li inti minn Bormla. X'tista' tgħidilna dwar din il-lokalità fi żmien tfulitek u l-ambjent tal-Kottonera li fih trabbejt: familja, skola eċċ.?**

Iva jien Bormliż għall-grazzja ta' Alla. Billi twelidt fl-1935, niftakar ftit ħafna minn Bormla ta' qabel il-gwerra. Niftakar fil-ħanut tal-merċa li kellu missieri u xi żewġ fatti żgħar: wieħed minnhom hu li niftakar lil ħija l-kbir Tarċis (Patri Leopoldo) iniżżel il-bandiera tal-Papa mezz'asta meta miet il-Papa Piju XI. Fil-gwerra morna rifuġjati l-ewwel fir-Rabat ta' l-Imdina u mbagħad Għawdex. Ta' Għawdex bagħqali memorji sbieħ ta' tfulija ferħana niġri u nilgħab fir-raba u nixxabbat mas-siġar u niekol il-frott frisk u bnin bħat-tut u ċawsli mis-siġar fit-triq li kienet taghti mit-triq tagħna għall-knisja ta' San Franġisk tal-Konventwali. Wara l-gwerra erġajna morna Bormla li kienet kollha mkissra u mwaqqa, imma ħafna Bormliżi kienu reġgħu bdew jirritornaw lura f'belthom. Mhux in-nies biss iżda anki l-istatwa ta' l-Immakulata u l-kwadru tat-Titular reġgħu ġew f'pellegrinaġġ kbir minn Birkirkara.

Missieri miet ftit wara meta kont għadni lanqas għalaqt l-għaxar snin, waqt li ħuti Anton u Peppinu kienu se jidħlu l-Università u Tarċis kien għadu se jagħmel il-Professjoni Solenni. Jien kont immur l-iskola tal-Gvern tal-Birgu li kienet fl-Armerija u kien jgħallimna s-Sur Bonnici, li jiġi z-ziju tal-Provinċjal tagħna, Fr Joe Alessandro. Kienet tgħallimna wkoll Miss Carla Pace u Patri Ambroġ u Patri Karm tad-Dumnikani.



**Kont tattendi xi Għaqda reliġjuża meta kont għadek żgħir?**

Kont immur il-Mużew u s-superjur kien Ġużeppi Calleja, li kien ħajjarni biex nagħmel il-priedka tat-tifel tal-Milied li għamiltha xi seba' darbiet. Meta għamiltha Santa Tereża, il-knisja kienet għadha mġarrfa u allura kienu jagħmlu l-funzjonijiet kollha fis-sagristija. Fra Vertan, tat-Tereżjani kien għamilli xi erba' kaxxi tal-birra biex nitla' fuqhom biex nippriedka. Meta għamiltha fil-parroċċa, tfixkilt u Wenzu tal-Mużew kellu jiftaħ il-pitazz biex isibli fejn waqaft biex inkun nista' nkompli. Ommi kienet qaltli li jekk jiġrili hekk, noħroġ il-maktur u noqgħod nixxotta l-għaraq sakemm niftakar kif kelli nkompli.

**Jekk iva, taħseb li din ħalliet xi effett fik meta għażilt li ssir reliġjuż?**

It-tagħlim li tieħu mill-Mużew jibqa' jaħdem fik f'ħajtek kollha. It-tajjeb li t-tfal jieħdu mill-Mużew jagħtihom qawwa spiritwali li ma tispiċċa qatt.

**Inti kellek lil ħuk li kien ġa Patri Franġiskan Kapuċċin. Taħseb li din kienet waħda mir-raġunijiet li għażilt li tidħol ma' dawn il-Patrijiet u kif ħassejt li Alla kien qed isejjaħlek għalih?**

Jista' jkun, iżda għadni ma nafx eżatt kif ġiet il-vokazzjoni biex nidħol Kapuċċin. Kien x'kien qatt ma ddispjaċini u kuljum u dejjem nirringrazzja lil Alla tal-familja li twelidt fiha u tal-familja tal-Franġiskani Kapuċċini li għadni ngħix ferħan fiha.

**X'tista' tgħidilna dwar iż-żmien tal-formazzjoni tal-bidu u fejn għamiltu?**

Bdejt bħala novizz ġo Għawdex meta kelli 28 sena u dħalt flimkien ma' tmienja oħra li kienu ta' madwar 16-il sena. Kien żmien ta' bidla mhux biss għalija iżda anki għall-Knisja kollha għax kien żmien il-Konċilju Vatikan II u allura ilħaqt biċċa mill-formazzjoni ta' qabel il-Konċilju u qaddist fiż-żmien li l-Quddiesa nbidlet mil-Latin għall-Malti.



**Wara li sirt saċerdot, x'kien il-ministeru tiegħek fi ħdan il-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini?**

Immedjatament wara li qaddist kont għamilt sena Trento biex nispiċċa l-istudju u wara sibt ruħi ġo l-Etijopja fejn qatt ma kont ħlomt li għad immur u fejn s'issa għadni noħlom f'dak iż-żmien sabiħ li għaddejt hemm. Hawn Malta għamilt tliet snin fil-kunvent tat-Trinità, il-Marsa, u wara sitt snin il-Furjana qabel ma mort il-Kenja.

**Inti għamilt diversi snin fl-artijiet tal-Missjoni kemm fl-Etjopja u kif ukoll fil-Kenja. Kif ħassejt li kellek tħalli lil Malta u tmur f'dawn il-postijiet?**

Għamilt b'kollox għoxrin sena fl-Afrika: 5 snin fl-Etijopja u 15-il sena fil-Kenja. Kien żmien li meta naħseb fuqu, issa nara kemm il-Mulej kien dejjem miegħi għax żgur li kien hu li ħadni hemm. Lil Malta ma ħallejtha qatt għax art twelidek tibqa' dejjem tiġbdek. Jien ma bnejtx knejjes fl-Afrika, iżda kont għamilt kappella żgħira tonda bil-koppla u fin-nofs tal-koppla għamilt salib ta' Malta. Meta tkun tiela' x-xemx das-salib kien qisu jixgħel f'nofs ta' deżert. Jien u dieħel f'din il kappella għat-talb, ġo qalbi kont ngħajjat: Viva Malta u l-Fidi tagħna.

**Kien hemm Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Maltin oħra miegħek u tiftakar f'xi mumenti partikulari ta' l-esperjenza tiegħek missjunarja?**

Fl-Etijopja mort ma' Patri Ilarju Abela u sibna lill-aħwa Patrijiet Ludovik u Egidju Grixti u żewġ aħwa oħra Patrijiet Ugolino u Erkolano DeMaria. Ftit wara waslu wkoll minn Malta l-Patrijiet Taddew Schembri u Ġużepp Gauci u wara ftit ieħor Lawrenz Briffa u Edward Cassar. Għamilna żmien ilkoll flimkien ġo Addis Abeba sakemm ftaħna Gigiga fejn marru l-Patrijiet Taddew u Ilarju. Fil-Kenja ġo Wajir kont, l-ewwel ma' ħija, Patri Leopoldo u mbagħad mal-Patrijiet Ġużepp Muscat, Joe Libreri, Joe Saliba, Joe Grixti u ma' tnejn minn ħutna Kenjani, Zakkarija u Joe Sifuna. Żewġ mumenti qawwija li niftakar huma wieħed fl-Etijopja meta Patri Taddew tilef għajnejh b'daqqa ta' ġebla li tefa' tifel lejn il-ferrovija li kien sejjer biha lejn il-Missjoni tiegħu u l-mument l-ieħor kien fil-Kenja meta l-Provinċjal Fr Joe Alessandro u Patri Ilarju flimkien ma' tliet missjunarji lajċi Maltin ġew attakkati mill-ħallelin u sparaw fuqhom.



**Illum inti tieħu ħsieb is-Segretarjat tal-Missjoni. X' inhu l-għan ta' dan is-Segretarjat u l-ħidma li jwettaq?**

Issa li Fr Joe Alessandro sar Ministru Provinċjal, ħatar lili biex nieħu postu bħala Segretarju tal-Missjoni. Fis-Segretarjat li għandna fil-Kunvent tal-Floriana naħdem flimkien ma' ħafna oħra, Patrijiet u lajċi biex inżommu kuntatt tajjeb ma' ħutna l-missjunarji u nħajru ħafna aktar biex ngħinu kemm nistgħu biex inxerrdu l-Evanġelju b'messaġġ ta' ferħ li lest biex jgħin b'kull mod li nistgħu. Nippruvaw li niġbru fondi mingħand il-benefatturi tagħna biex inkunu nistgħu nibagħtu l-għajnuna anki finanzjarja lill-missjunarji tagħna li dawn qed jagħtu ħajjithom biex jgħinu u jferrħu lil ħutna fil-pajjiżi li jmorru fihom.

**Tixtieq tgħaddi xi messaġġ lill-qarrejja ta' din ir-rivista?**

Lil dawk kollha li jaqraw ID-DAWL FRANĠISKAN nixtieq nirringrazzjahom ħafna ta' l-għajnuna kbira li jagħtuna kemm finanzjarja u kemm bil-kuraġġ li dejjem jagħmlulna. Jagħtina kuraġġ kbir li nafu li għandna eluf ta' ħbieb tagħna l-Kapuċċini li jieħdu interess li jkunu jafu fuqna speċjalment fuq ħutna li hemm 'il-bogħod minn artna. B'hekk dawn il-benefatturi tagħna nqisu li huma nvoluti fix-xogħol ta' Evanġelizzazzjoni u għalhekk huma wkoll missjunarji. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

**Tfal, din hi rokna għalikom. Aqrqw din is-silta mill-Evanġelju u wara wieġbu għall-mistoqsijiet.**

1. X'ser jagħtih lir-rebbieħ? Flus, midalja, joqgħod maġembu. (Apk 3,21)
2. X'għandna nfittxu l-ewwel? L-ikel, l-ilbies, is-Saltna ta' Alla. (Mt 6,33)
3. Fi żmien min, is-sema baqa' magħluq? David, Salamun, Elija. (Lq 4,25)
4. X'weġbitu l-mara? Żewġi x-xogħol, ma għandix żewġi, ma jiflaħx. (Ġw 4,17)
5. Kemm għażel biex jibqgħu miegħu? 10, 11, 12. (Mk 3,13-14)
6. Pietru qalilhom li talbu l-ħelsien ta' wieħed: bravu, qattiel, tajjeb. (Atti 3,14)
7. Tagħtux lill-klieb dak li hu: jaħraq, ħażin, qaddis. (Mt 7,6)
8. Min kien liebes ix-xemx u kuruna tal-kwiekeb? Tifel, Mara, Raġel. (Apk 12,1)
9. Min kellu deni qawwi? Omm il-mara ta' Xmun, Marija, waħda armla. (Lq 4,38)
10. Liema żerriegħa naqqru l-għasafar li waqgħu fix-xewk, fil-mogħdija, fil-blat. (Mk 4,4)

**Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-Librerija Preca (Tal-M.U.S.E.U.M.) ta' Blata l-Bajda.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħ ta' Jannar huwa:**
**David Aquilina – L-Ibraġ**
**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 51



1. u 19. Min għandu jiġi. (1 Ġw 2,18) **(9)**
2. U hekk... mħallfin. (Ġak 2,4) **(6)**
3. Qiehom... ħurrieq. (Mik 7,4) **(5)**
4. u 12. Kienu mniżżlin għal din. (Ġud 4) **(8)**
5. Kemm-il xkora kellu jagħti. (Lq 16,7) **(4)**
6. Ta' qilltu dan. (Lam 3,1) **(5)**
7. Il-ħażin jinqabad fiha. (Prov 29,6) **(5)**
8. Ġowab bagħtu għand David. (2 Sam 11,6) **(5)**
9. Din tkun dejjem miegħu. (S 89,22) **(3)**
10. Kienet tgħix ta' armla. (Ġdt 8,4) **(7)**
11. Dan beda ħiereġ minn ġismu. (1 Mak 9,9) **(3)**
13. Kien kaċċatur qalbieni. (Ġen 10,9) **(6)**
14. Ta' l-ikel jaqtugħ. (Għerf 16,3) **(5)**
15. Offerta tal-*bidu*. (Lev 2,12) **(5)**
16. Ikun magħkom meta tkunu miegħu. (2 Kron 15,2) **(5)**
17. Sa dan tal-ktajjen. (2 Tim 2,9) **(5)**
18. Bejn dan u l-artal. (Ġoel 2,17) **(7)**
19. Ara nru.1
20. ...staqsi lill-qassisin. (Ħag 2,11) **(3)**
21. Ma kontx ħieles meta kont imsejjaħ. (1 Kor 7,21) **(5)**
22. Is-sultan li arresta lil Ġwanni. (Mk 6,17) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR:**

***1. Pawlu; 2. Abidan; 3. Bżajt; 4. Taxxa; 5. Adar; 6. Irjus; 7. Aqbeż; 8. Andar; 9. Lod; 10. Jixorbu; 11. u 12. Insejt; 13. Jaħqar; 14. Linka; 15. Armla; 16. Oqsma; 17. Hjata; 18. Iqarraq; 19. Abba; 20. Haj; 21. Kabul; 22. Mradt.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħ ta' Jannar huwa:**
**Omar Sutzuka - Baħar iċ-Ċagħaq. Nifirħulek!**



# Alla ma jgħejjiex, ma jaqtax qalbu!

## Esperjenza Vokazzjonali ta' Br Dennis Calleja OFMCap

**Il-bidwi jiżra' u jieħu ħsieb il-prodott permezz tat-tisqija u l-bexx. Wara joqgħod jistenna jara l-prodott li żera' jikber u jisbieħ sakemm jieħu l-frott fi żmienu. Hekk inqabbel il-proċess vokazzjonali tiegħi fil-mixja li għamilt sakemm wasalt li ħaddant il-ħajja reliġjuża li l-Mulej sejjaħli għaliha.**

Alla sa minn ġuf ommi ħejja pjan għalija. Għext it-tfulija tiegħi mod normali f'ambjent reliġjuż. F'dan iż-żmien tefa' ż-żerriegħa. Kont nattendi s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fejn nista' ngħid li kien żmien importanti meta l-Mulej beda jsaqqi ż-żerriegħa tal-vokazzjoni. Il-parroċċa tiegħi hija mmexxija mill-Aħwa



Franġiskani Kapuċċini. Ġejt f'kuntatt magħhom b'mod normali bħala tfajjel li nattendi l-attivitajiet reliġjużi fil-parroċċa, iżda bla ma kont qod ninduna l-Mulej kompla jsaqqi u jindokra fija s-sejħa li kien qed jagħmilli. Bdejt nikber u sirt żagħżugħ u dan kien żmien importanti fir-relazzjoni tiegħi ma' Ġesù. Għaraft u ħassejt li l-Mulej tefa' ħarstu fuqi. Bdejt infittex u nitlob: 'Mulej urini xi trid minni'.

Ippruvajt kemm-il darba naħrab mil-leħen tal-Mulej li f'qalbi beda jsejjaħli biex nimxi warajh fil-qrib fil-ħajja reliġjuża. Ma stajtx inizzilha li Ġesù ried lili biex ngħix għalih f'dan l-istat ta' ħajja. Kont naljena rasi u nipprova nipperswadi lili nnifsi li mhux għalija kienet din is-sejħa. Iżda Alla ma jgħejjiex. Ma jaqtax qalbu. Baqa' jiġri warajja. Kelli bżonn ta' għajnuna. Minn jigwidani. Permezz tat-talb, tad-direzzjoni spiritwali u vokazzjonali u żmien ta' dixxerniment bdejt aktar naċċetta l-pjan t'Alla f'ħajti u nċedi għalih. Bdejt nattendi l-laqgħat vokazzjonali u kont nagħmel żmien ta' esperjenza ngħix fil-kunvent. Il-proċess kien ftit twil sakemm lil Alla għedtlu iva 'ħa jsir minni skond kelmtek'. Emmint fil-proġett li kellu għalija. F'dak il-ħin ħassejtni ferħan u liberu. Kelma ta' Ġesù li għenitni ħafna



f'dan il-perjodu kienet li min jaqbad il-moħriet u jħares lura mhux tajjeb għas-saltna tas-Smewwiet.

Wasal iż-żmien li Alla jaqta' l-prodott li kien jieħu ħsieb u jsaqqi. Kien imiss il-pass li nibda l-mixja tiegħi vokazzjonali fil-ħajja reliġjuża fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin u dan seħħ nhar it-12 t'Ottubru 1993. Wara ħdax-il sena nirringrazzja 'l Alla għal mod kif mexa miegħi biex wassalni li ngħid iva għal din is-sejħa tal-ħajja reliġjuża. Veru li matul il-mixja lil Alla ħabbattu sakemm għedtlu iva. Iżda Alla ma jgħejjiex, ma jaqtax qalbu. •

### STEDINA

**Adorazzjoni fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana, nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2005, fis-7pm., ħalli nitolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fl-għalqa tiegħu. Ilkoll mistiedna.**

# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil: P. Crispin Tabone OFMCap, Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**